

## II

(Komunikazzjonijiet)

**KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI  
U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI**

**dwar is-sorveljanza tas-suq ta' prodotti mibjugħa online**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

**(2017/C 250/01)**

**Werrej**

DAĦLA .....	2
PARTI A — IL-QAFAS LEGALI APPLIKABBLI GĦALL-PRODOTTI MIBJUGĦA ONLINE .....	3
1. IL-KUNċETT TA' "TQEGĦID FIS-SUQ" FIL-KUNTEST TAL-BEJGĦ ONLINE .....	4
1.1. Il-kunċett ta' tqegħid fis-suq b'mod ġenerali .....	4
1.2. Il-kunċett ta' "tqegħid fis-suq" fil-kummerċ elettroniku .....	5
2. IR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJET TAL-AWTORITAJET TAS-SORVELJANZA TAS-SUQ .....	6
3. IR-RWOLI U R-RESPONSABBILTAJET TAL-OPERATURI EKONOMIĊI .....	6
3.1. Produtturi, manifatturi, rappreżentanti awtorizzati, importaturi u distributuri .....	6
3.2. Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni .....	6
3.2.1 Ir-rwoli tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni fil-katina tal-provvista online .....	6
3.2.2 Ir-responsabbiltajiet tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni fil-katina tal-provvista online .....	7
3.3 Atturi rilevanti oħrajn .....	9
3.3.1 Id-dikjarant skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni .....	9
3.3.2 Fornituri ta' servizzi intermedjarji online .....	9
3.3.3 Fornituri ta' servizzi postali .....	11
PARTI B — ASPETTI PRATTIĊI TAS-SORVELJANZA TAS-SUQ GĦALL-PRODOTTI MIBJUGĦA ONLINE .....	11
1. PRINċIPJI ĠENERALI GĦAS-SORVELJANZA TAS-SUQ .....	11
2. L-ISTRATEġġJA U L-IPPJANAR TAS-SORVELJANZA TAS-SUQ ONLINE .....	12
3. L-ORGANIZZAZZJONI TAS-SORVELJANZA TAS-SUQ ONLINE .....	12
4. IL-KARATTERISTIĊI U L-ĦTIġIJIET SPEċIFIĊI TAL-INVESTIGAZZJONIJIET ONLINE .....	13
5. AZZJONIJIET KORRETTIVI MARBUTA MAL-PRODOTTI MIBJUGĦA ONLINE .....	14
5.1. Azzjonijiet korrettivi li jiddependu fuq il-post fejn jinsab l-operatur ekonomiku .....	14
5.1.1. Jekk l-operatur ekonomiku jkun jinsab fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità .....	14
5.1.2. Jekk l-operatur ekonomiku jkun jinsab fl-UE, iżda barra mill-ġurisdizzjoni tal-awtorità .....	14
5.1.3. Jekk l-operatur ekonomiku jkun jinsab barra mill-UE .....	15
5.2. Azzjonijiet korrettivi speċifiċi għall-prodotti mibjugħa online .....	15

PARTI C —	SENSIBILIZZAZZJONI FOST IL-KONSUMATURI U N-NEGOZJI DWAR IS-SIGURTÀ	16
U L-KONFORMITÀ TAL-PRODOTTI MIBJUGĦA ONLINE .....		16
1. SENSIBILIZZAZZJONI FOST IL-KONSUMATURI .....	16	
1.1. X'inhu utli li jkunu jafu l-konsumaturi? .....	17	
1.2. L-Istati Membri kif għandhom jinformaw lill-konsumaturi dwar l-aspetti ta' sigurtà tal-prodotti li jridu jiġu kkunsidrati meta jixtru online? .....	17	
1.2.1. Siti web tal-awtoritajiet .....	17	
1.2.2. L-użu tal-midja u ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni .....	18	
1.2.3. Sistemi ta' ilmenti tal-konsumaturi .....	18	
2. SENSIBILIZZAZZJONI TAN-NEGOZJI .....	18	

## DAĦLA

L-Internet biddel il-mod kif il-konsumaturi jixtru u kif in-neozjji jirreklamaw u jbiegħu l-prodotti u s-servizzi tagħhom. Il-kummerċ elettroniku jippermetti lill-konsumaturi u lin-neozjji jinteraġixxu b'mod differenti u jżid il-benesseri tal-konsumaturi minħabba l-prezzijiet online aktar baxxi u għażla akbar<sup>(1)</sup>. Il-kummerċ elettroniku qed jesperjenza tkabbir rapidu u għandu l-potenzjal li jikkontribwi xxi b'mod konsideroli għall-objettivi ta' tkabbir tal-Unjoni Ewropea (UE)<sup>(2)</sup>.

Madankollu, l-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku joħloq ċerti sfidi fir-rigward tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi u ta' utenti finali oħrajn minn prodotti mhux tal-ikel perikolużi u/jew prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni (“prodotti mhux konformi”)<sup>(3)</sup>. F'dan ir-rigward, u meta mqabbel mas-suq offline, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri jiffacċċaw bosta diffikultajiet, fosthom l-eżempji li ġejjin:

- (i) diffikultajiet fir-rigward tat-traċċar tal-prodotti offruti għall-bejgħ online u l-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi responsabbi;
- (ii) iż-żieda fin-numru ta' operaturi ekonomiċi li jinsabu barra t-territorju tal-UE li joffru prodotti għall-bejgħ online; dan jinkludi bejgħ direktament lil konsumaturi tal-UE u lil utenti finali oħrajn, li jrendi l-infurzar tar-regoli tal-prodotti f'diffikultu;
- (iii) sfidi fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tar-riskji jew tat-testijiet tas-sigurtà minħabba n-nuqqas ta' aċċess fiżiku għall-prodotti;
- (iv) diffikultajiet fit-teħid tal-kampjuni tal-prodotti għall-ittejjar, minħabba li l-liġijiet rilevanti f'ċerti Stati Membri ma jippermettux li x-xiri jsir online jew li jsir xiri anonimu (bħal xiri bil-moħbi);
- (v) sfidi fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti)<sup>(4)</sup> kif ukoll tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti<sup>(5)</sup> relatati mal-ambjent online;
- (vi) nuqqas ta' għarfien fost il-konsumaturi u n-neozjji dwar ix-xiri u l-bejgħ ta' prodotti konformi u siguri online.

L-għan ta' dan l-Avviż huwa li jgħin lill-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sigurtà u l-konformità ta' prodotti mhux tal-ikel. Dan id-dokument jirreferi għal oġġetti tangħibbi u jeskludi s-softwer u l-applikazzjonijiet mhux inkorporati. L-Avviż jikkonċerna l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, iż-żewġ atti leġiżlattivi ewlenin li jirregolaw is-sorveljanza tas-suq u s-sigurtà u l-konformità tal-prodotti fil-bejgħ online. L-Avviż jistabbilixxi wkoll prattiki tajbin għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti mibjugħa online u għall-komunikazzjoni man-neozjji u mal-konsumaturi.

<sup>(1)</sup> Studju tas-suq tal-konsumaturi li sar minn Civic Consulting fl-2011 dwar il-funzjonament tal-kummerċ elettroniku u tal-kummerċjalizzazzjoni bl-Internet u t-tekniki tal-bejgħ bl-imnū tal-prodotti kkalkula li suq tal-kummerċ elettroniku wieħed tal-UE b'sehem ta' kummerċ elettroniku ta' 15 % jiġiġera żidiet fil-benesseri tal-konsumaturi (minn prezzijiet online aktar baxxi u għażla akbar għall-konsumaturi) ta' EUR 204,5 biljun fis-sena.

<sup>(2)</sup> Skont data mill-2015, 65 % ta' dawk li jużaw l-Internet għal skopijiet privati xtraw ukoll prodotti jew servizzi online matul il-kors ta' sena. Sors: il-Eurostat.

<sup>(3)</sup> Ara l-Avviż tal-Kummissjoni - Il-“Gwida Blu” dwar l-implimentazzjoni tar-regoli tal-prodotti tal-UE 2016, ĠU C 272, 26.7.2016.

<sup>(4)</sup> Id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 011, 15.1.2002, p. 4).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

L-infurzar imtejjeb tar-regoli tal-UE għall-prodotti mibjugħa online jikkontribwixxi biex jiġi żgurat li l-prodotti mhux tal-ikel ikunu siguri u konformi u jikkontribwixxi wkoll għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi jew ta' utenti finali oħrajin fl-UE. Is-sigurtà mtejba tal-prodotti u l-konformità fil-kummerċ elettroniku jidu l-fiduċja fis-swieq online u jwasslu għall-iżvilupp tal-kummerċ elettroniku. Infurzar aħjar jgħin ukoll biex jiġu żgurat kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-operaturi ekonomiċi fil-ktajjen tal-provvista tradizzjonal u online u fost l-operaturi li jinsabu fl-UE jew barra minnha. Għalhekk, dan l-Avviż jikkontribwixxi għal waħda mill-prioritajiet tal-Kummissjoni: l-iżvilupp ulterjuri tas-Suq Uniku Digidli.

Dan l-Avviż huwa indirizzat lill-Istati Membri u lill-Iżlanda, lil-Liechtenstein u lin-Norveġja bħala firmatarji tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (⁹) (ŻEE). Għalhekk, ir-referenzi għall-UE, għall-Unjoni jew għas-Suq Uniku jinħtieġ li jinfiehem bħala li jirreferu għaż-ŻEE jew għas-suq taż-ŻEE.

Dan l-Avviż huwa maħsub biex jikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti u għal applikazzjoni aktar uniformi u koerenti ta' dik il-leġiżlazzjoni f'termini tal-prodotti mibjugħa online. Huwa jieħu f'kunsiderazzjoni d-diskussionijiet mal-awtoritatijiet tal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fi proċess kollaborattiv li estenda mill-2013 sal-2016.

Dan l-Avviż huwa maħsub purament bħala dokument ta' gwida — huwa biss it-test tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni nnifisha li għandu forza legali. Huwa għandu l-għan li jipprovd pariri abbażi tal-esperjenzi kollettivi u l-aħjar pratti ki eżistenti. L-informazzjoni hija ta' natura ġenerali biss u ma tindirizzax spċifikament individwi jew entitajiet partikolari.

Hija biss il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandha l-kompetenza tinterpreta b'mod awtorevoli l-liġi tal-UE. L-opinjonijiet espressi f'dan id-dokument ma jistgħux jippreġudikaw il-pożizzjoni li tista' tieu l-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni Ewropea ma hija responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġeġja.

Billi dan l-Avviż jirrifletti l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fil-mument tal-abbozzar, il-għida offruta tista' tiġi mmodifi-kata aktar tard.

#### PARTI A IL-QAFAS LEGALI APPLIKABBLI GĦALL-PRODOTTI MIBJUGĦA ONLINE

Il-Parti A toffri gwida dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà ġenerali tal-Prodotti u tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għall-prodotti (⁷) mibjugħa online.

L-għan tad-Direttiva dwar is-Sigurtà ġenerali tal-Prodotti huwa li tiżgura li l-prodotti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jkunu siguri. Hija tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-organizzazzjoni u t-twettiq tas-sorveljanza tas-suq dwar l-aspetti tas-saħħa u s-sigurtà tal-prodotti mhux tal-ikel għall-konsumaturi. Din tinkludi prodotti li jiġu pprovduti jew magħmula disponibbli lill-konsumaturi, għall-użu minnhom, bħala parti minn provvista ta' servizzi. Hija tapplika għall-prodotti mhux tal-ikel kollha għall-konsumaturi, safejn ma jkun hemm ebda provvediment spċifiku bl-istess objettiv fil-leġiżlazzjoni tal-UE li tirregola s-sigurtà tal-prodotti kkonċernati (⁸). Bħala riżultat, hija taġixxi bħala xibka ta' sikurezza billi tkopri l-prodotti għall-konsumaturi mhux koperti minn provvedimenti aktar spċifici tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti.

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, li għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa pubblika b'mod ġenerali, tas-saħħa u s-sigurtà tal-utenti fil-post tax-xogħol, tal-ambjent, eċċ., jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-organizzazzjoni u t-twettiq tas-sorveljanza tas-suq għall-prodotti kollha għall-konsumaturi u mhux għall-konsumaturi koperti mil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti (⁹). Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jaġplika għall-prodotti kollha, safejn ma jkun hemm ebda provvediment spċifiku bl-istess objettiv, natura jew effett f'regoli oħrajn

(⁶) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

(⁷) Skont l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà ġenerali tal-Prodotti, "prodott" ifisser kwalunkwe prodott — inkluż fil-kuntest tal-fornimenti ta' servizz — li huwa maħsub għall-konsumaturi jew li aktarx, f'kundizzjonijiet raġonevolment prevedibbli, jintuża mill-konsumaturi anki jekk ma jkunx maħsub għalihom, u li jiġi pprovdut jew magħmula disponibbli, kemm jekk għal korrispettiv kif ukoll jekk le, matul attivitā kummerċjali, u kemm jekk ġdid, użat jew inkella rikondizzjonat. Skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, "prodott" ifisser sustanza, preparat jew oġġett manifatturat permezz ta' manifattura, li ma jkunx prodott tal-ikel, għalf, pjanti jew annimali ħajjin, prodotti ta' oriġini umana u prodotti ta' pjanti jew annimali relatati direttament mar-riproduzzjoni futura tagħhom.

(⁸) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà ġenerali tal-Prodotti.

(⁹) Għal lista mhux eżawrjenti tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti, ara l-Anness I tal-Avviż tal-Kummissjoni C(2016) 1958 final tal-5 ta' April 2016, *"Għida Blu"* dwar l-implementazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti 2016, jinsab fuq [http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item\\_id=7326&lang=mt&title=%E2%80%98Blue-Guide%E2%80%99-on-the-implementation-of-EU-product-rules](http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/newsroom/cf/itemdetail.cfm?item_id=7326&lang=mt&title=%E2%80%98Blue-Guide%E2%80%99-on-the-implementation-of-EU-product-rules)

tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni<sup>(10)</sup>. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni spċċifika għas-settur tapplika għall-bejgħ online ta' prodotti tal-enerġija<sup>(11)</sup> sabiex tikkomplementa r-regolamenti tal-UE dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija<sup>(12)</sup> li għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u jiżguraw l-informazzjoni għall-konsumaturi.

Bix id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 ikunu applikabbli, l-ewwel għandu jiġi evalwat jekk il-prodott huwiex ipprovdut jew le fil-kuntest ta' attivitā kummerċjali. Il-prodotti jiġi pprovduti fil-kuntest ta' attivitā kummerċjali permezz tal-bejgħ online meta jiġi offruti għall-bejgħ minn operatur online<sup>(13)</sup> lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħrajn fl-UE. B'mod ġenerali, il-prodotti jiġi offruti għall-bejgħ online bi ħlas. Madankollu, f'ċerti kundizzjonijiet, il-provvista ta' prodotti bla ħlas tista' tikkostitwixxi wkoll attivitā kummerċjali<sup>(14)</sup>. Il-bejgħ mill-konsumatur għall-konsumatur (C2C) ġeneralment ma jitqiesx bħala attivitā kummerċjali<sup>(15)</sup> u, għalhekk, mħuwiex irregolat mid-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti jew mir-Regolament (KE) Nru 765/2008.

It-tliet aspetti ewlenin li ġejjin tal-qafas legali tal-UE huma meqjusa bħala l-aktar rilevanti għall-bejgħ online:

- il-kunċett ta' "tqegħid fis-suq";
- ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq; u
- ir-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

Il-kapitoli li ġejjin jiddeskrivu l-interpretazzjoni ta' dawn il-tliet kwistjonijiet b'rabta mal-bejgħ online.

## 1. Il-kunċett ta' "tqegħid fis-suq" fil-kuntest tal-bejgħ online

### 1.1. Il-kunċett ta' tqegħid fis-suq b'mod ġenerali

Id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u l-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni japplikaw, fl-ambiti rispettivi tagħhom, għall-prodotti li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ, inklużi l-bejgħ mill-bogħod u l-bejgħ online<sup>(16)</sup>. Għalhekk, irrispettivav mit-teknika tal-bejgħ, il-prodotti għandhom ikunu siguri u konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli meta jitqiegħdu fis-suq tal-UE.

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jiddefinixxi t-terminu "tqegħid fis-suq" bħala "l-att li bih prodott isir disponibbli għall-ewwel darba fis-suq Komunitarju" u jiddefinixxi t-terminu "magħmul disponibbli fis-suq" bħala "kull provvista ta' prodott għal-distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq Komunitarju fil-kors ta' attivitā kummerċjali, kemm bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas"<sup>(17)</sup>. Dawn il-kunċetti għandhom implikazzjonijiet legali f'termini tal-identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi responsabbli<sup>(18)</sup> u l-obbligi rispettivi tagħhom skont il-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti, kif ġie spjegat fid-dettall fil- "Gwida Blu"<sup>(19)</sup>.

Id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti ma tużax it-terminu "l-ewwel tqegħid fis-suq" u tuża l-kunċetti ta' "tqegħid fis-suq", "provvida" u "magħmul disponibbli" mingħajr distinzjoni u bla ma tiddefinixxi dawn il-kunċetti<sup>(20)</sup><sup>(21)</sup>. Skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, l-operaturi ekonomiċi jiġi identifikati abbażi ta' jekk l-attività tagħhom taffettwax il-proprietajiet tas-sigurtà tal-Prodotti<sup>(22)</sup>. Fl-istess ħin, fil-kuntest tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali

<sup>(10)</sup> Il-Premessa 5 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(11)</sup> Ara, pereżempju, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 518/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 dwar it-tikkettar ta' prodotti b'rabta mal-enerġija fuq l-Internet.

<sup>(12)</sup> Ħarsa ġenerali lejn il-leġiżlazzjoni armonizzata li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-prodotti effiċċenti fl-użu tal-enerġija li tinsab fuq <https://ec.europa.eu/energy/en/topics/energy-efficiency/energy-efficient-products>.

<sup>(13)</sup> L-operaturi online huma manifatturi, produtturi, importaturi jew distributuri, kif definiti mid-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u mir-Regolament (KE) Nru 765/2008, rispettivav, li joperaw online.

<sup>(14)</sup> L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(15)</sup> Madankollu, jekk prodott C2C huwiex qed jiġi pprovdut bħala parti minn attivitā kummerċjali jew le għandu jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu l-kriterji rilevanti kollha bħalma huma r-regolarità tal-provvisti u l-intenzjoni tal-fornitur, eċċ.

<sup>(16)</sup> Il-Premessa 7 tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(17)</sup> L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(18)</sup> Pereżempju, l-importatur huwa l-operatur ekonomiku li jqiegħed il-prodotti fis-suq, filwaqt li d-distributur huwa l-operatur ekonomiku li jagħmilhom disponibbli fis-suq, ara l-Artikolu 2(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(19)</sup> Avviż tal-Kummissjoni C(2016) 1958 final.

<sup>(20)</sup> Pereżempju, l-Artikolu 1(1), l-Artikolu 2(a), l-Artikolu 3(1), l-Artikolu 5(2) u (3). Barra minn hekk, id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti tirreferi wkoll f'dan il-kuntest għal "provvida" (pereż. l-Artikolu 2(a), it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(1), l-Artikolu 5(2) u l-premessa 6).

<sup>(21)</sup> Id-definizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 ma jistgħux jiġi trasposti *mutatis mutandis* għall-fini tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(22)</sup> Pereżempju, id-definizzjoni ta' 'produttur' tinkludi "professjonisti fil-katina tal-provvista, safejn l-attivitàajiet tagħhom jistgħu jaffett-waw il-proprietajiet tas-sigurtà ta' prodott", filwaqt li "distributur" ifisser "kwalunkwe professjonist fil-katina tal-provvista li l-attività tiegħi ma taffettwax il-proprietajiet tas-sigurtà ta' prodott".

tal-Prodotti, “tqegħid fis-suq” jista’ jitqies bħala li jkɔpri d-diversi stadji tal-katina tal-provvista, inkluż l-“ewwel” tqegħid tal-prodott fis-suq, kif ukoll it-tqegħid fis-suq (pereżempju minn distributur) jew il-provvista (pereżempju fil-kuntest tal-forniment ta’ servizz<sup>(23)</sup>) sussegwenti.

Bħala riżultat, il-prodotti koperti mil-leġiżlazzjoni ta’ armonizzazzjoni tal-Unjoni u l-prodotti koperti mid-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti għandhom ikunu siguri mill-mument tal-ewwel tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni<sup>(24)</sup>.

### 1.2. Il-kunċett ta’ “tqegħid fis-suq” fil-kummerċ elettroniku

Fil-mudelli tan-negożju tal-kummerċ elettroniku, il-prodotti jistgħu jaslu għand il-konsumaturi jew utenti finali oħrajn b'mezzi differenti.

- (a) Il-manifattur<sup>(25)</sup>, l-importatur<sup>(26)</sup>, id-distributur<sup>(27)</sup> jew il-produttur<sup>(28)</sup> huma stabbiliti fl-UE

Jekk il-manifattur, l-importatur, id-distributur jew il-produttur ikunu stabbiliti fl-UE, it-teknika tal-bejħ biss tkun differenti<sup>(29)</sup>, imqabbla ma’ każijiet fejn il-prodotti jiġu offruti fi ħwienet fizżei tradizzjonali. Il-prodotti offruti għall-bejħ online lil konsumaturi u utenti finali oħrajn fis-suq tal-Unjoni mill-manifattur, mill-importatur, mid-distributur jew mill-produttur stabbilit fl-UE jitqiesu bħala li tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Għallekk, huma għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli dwar il-prodotti.

- (b) Il-manifattur<sup>(30)</sup>, l-importatur<sup>(31)</sup>, id-distributur<sup>(32)</sup> u l-produttur<sup>(33)</sup> huma stabbiliti barra mill-UE

Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti tapplika wkoll għal każijiet fejn il-bejjiegħ online bbażati barra mill-UE jimmiraw għal konsumaturi jew utenti finali oħrajn fl-UE. Bħala riżultat, jekk il-produttur, il-manifattur, l-importatur u d-distributur ikunu stabbiliti barra mill-UE, jeħtieġ li l-ewwel jiġi stabbilit jekk l-offerta mill-bejjiegħ online bbażat barra mill-UE hijiex immirata għall-konsumaturi jew għal utenti finali oħrajn fl-UE sabiex jiġi vvalutat jekk prodott jitqiegħedx fis-suq tal-Unjoni.

Il-valutazzjoni għandha ssir fuq bażi ta’ każ b’każ billi jiġi aċċertat jekk mis-sit web u mill-attività ġeneralis tal-bejjiegħ online jidherx li huwa għandu l-ħsieb li jbiegħ prodotti lil konsumaturi jew utenti finali oħrajn fl-Istati Membri. Jistgħu jiġu kkunsidrat l-aspetti li ġejjin: in-natura internazzjonali tal-attività, l-użu ta’ lingwa u munita (pereżempju l-euro) tal-Istati Membri, isem ta’ dominju rreġistrat f’wieħed mill-Istati Membri, iż-żoni ġeografiċi li lejhom huwa possibbli d-dispaċċ<sup>(34)</sup>.

Jekk operatur online jikkonsenza lejn indirizzi fl-UE, jaċċetta muniti użati fl-UE bħala ħlas għall-prodott mingħand konsumaturi jew utenti finali oħrajn fl-UE u juża kwalunkwe lingwa tal-UE, l-operatur ikun idderieġa l-attività tiegħu lill-konsumaturi tal-UE jew utenti finali oħrajn fl-UE.

L-eżekuzzjoni fiżika lil konsumaturi jew utenti finali oħrajn fl-UE ta’ ordni għal prodott minn bejjiegħ online partikolari bbażat barra mill-UE, inkluż minn fornitur ta’ servizz ta’ ġestjoni, irrispettivament minn jekk huwiex ibbażat fl-UE jew barra minnha<sup>(35)</sup>, tagħi konferma inkonfutabbli li prodott huwa mqiegħed fis-suq tal-UE. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom is-setgħa li jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa qabel l-eżekuzzjoni fiżika ta’ ordni kif implikat mill-formulazzjoni kemm tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti kif ukoll tar-Regolament 765/2008<sup>(36)</sup>.

<sup>(23)</sup> L-Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti.

<sup>(24)</sup> Ara, b'mod partikolari, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti.

<sup>(25)</sup> Fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(26)</sup> Fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(27)</sup> Fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti.

<sup>(28)</sup> Fis-sens tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti.

<sup>(29)</sup> Il-Premessa 7 tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti tikkjarifika li d-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti, irrispettivament mit-tekniki tal-bejħ, inklużi l-bejħ mill-bogħod u l-bejħ elettroniku.

<sup>(30)</sup> Fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(31)</sup> Fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(32)</sup> Fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti.

<sup>(33)</sup> Fis-sens tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti.

<sup>(34)</sup> Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta’ Lulju 2011, il-Kawża C-324/09, L'Oréal/eBay, il-paragrafu 65 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta’ Diċembru 2010 fil-Kawża Magħquda C-585/08 u C-144/09 Peter Pammer vs Reederei Karl Schlüter GmbH & Co KG, C-585/08, u Hotel Alpenhof GesmbH vs Oliver Heller, C-144/09.

<sup>(35)</sup> Għall-fornituri tas-servizzi ta’ ġestjoni, ara t-Taqsima 3.2 ta’ dan l-Avvij.

<sup>(36)</sup> Pereżempju, l-Artikolu 8(1)(d) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralis tal-Prodotti jgħid li jistgħu jittieħdu miżuri għal kwalunkwe prodott li jista’ jkun perikoluż, għall-perjodu taż-żmien meħtieġ għall-valutazzjoni varji tas-sigurtà, it-testijiet u l-kontrolli, sabiex jipprobixx temporanġament il-provvista tiegħu, l-offerta li jfornuh jew iqiegħdu għall-wiri; ara wkoll l-Artikolu 16(2) u l-Artikolu 15(4) flimkien mal-Artikolu 2(17) tar-Regolament 765/2008.

B'hekk, jekk il-manifatturi, id-distributuri jew il-produtturi jkunu bbażati barra mill-UE u jidderieġu l-offerti tal-prodotti tagħhom għall-bejgħ online lejn is-suq tal-Unjoni, huma għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiți tal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbi dwar il-prodotti.

## 2. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq

L-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri huma responsabbli għat-twettiq tas-sorveljanza tas-suq u kompetenti sabiex jivverifikaw jekk il-prodotti mibjugħha online humiex siguri u konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti. Barra minn hekk, għall-prodotti mixtriha minn ħwienet online mħaddmin minn pajjiżi terzi u sussegwentement importati fl-UE, l-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli fuq il-fruntiera esterna huma kompetenti wkoll (37) sabiex jintervjenu fdak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà u l-konformità tal-prodotti (38).

## 3. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi

Il-bejgħ ta' prodotti online jiġġenera differenzi konsiderevoli meta mqabel mal-bejgħ minn ħwienet fiżiċi tradizzjoni fil-termini kemm tat-tekniki tal-bejgħ kif ukoll tal-ktajjen tal-provvisti użati. F'dan il-kapitolu, it-tipi differenti ta' operaturi ekonomiċi li għandhom rwol fil-ktajjen tal-provvisti ta' prodotti mibjugħha online għandhom jiġu analizzati fid-dawl tal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbi u l-azzjonijiet ta' infurzar possibbli tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq kompetenti.

### 3.1. Produtturi, manifatturi, rappresentanti awtorizzati, importaturi u distributuri

L-obbligi tal-produtturi u tad-distributuri skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti jaapplikaw ukoll għall-prodotti li jinbiegħ online (39). Il-produtturi għandhom jiżguraw li l-prodotti li jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jkunu siguri u d-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta biex jgħinu fl-iż-żgħixx iż-żgħixx. Id-Direttiva tispeċifika wkoll il-firxa ta' miżuri li jistgħu jittieħdu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri kontra l-prodotti koperti mid-Direttiva b'mod proporzjoni għas-serjetà tar-riskju u billi jittieħed kont dovut tal-prinċipju ta' prekawzjoni (41).

Il-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni u r-Regolament (KE) Nru 765/2008 jiddefinixxu (42) kull kategorija ta' attur involut fil-katina tal-provvista tal-prodotti: il-manifattur, ir-rappresentant awtorizzat, l-importatur u d-distributur. Ir-responsabbiltajiet spċifici tagħhom huma definiti fil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni fi proporzjon mar-rwol u l-involvement tagħhom fil-katina tal-provvista. Il-manifattur għandu l-ogħla livell ta' responsabbiltà billi huwa jippanifattura l-prodott u, għalhekk, jaf il-prodott u jista' jivvaluta u jiġġestixxi r-riskji potenzjali kollha fl-istadji tad-disinn u tal-manifattura. L-importatur (43) u d-distributur għandhom inqas responsabbiltà billi huma ma jintervjenu fil-fażjiet tal-valutazzjoni tal-konformità u l-produzzjoni. Il-“Gwida Blu” tiddeskrivi kull kategorija ta' operatur ekonomiku fid-dettall u tipprovd informazzjoni dwar ir-rwoli u l-obbligi tagħhom. Din tapplika wkoll għall-katina tal-provvista online.

### 3.2. Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni

#### 3.2.1. Ir-rwoli tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni fil-katina tal-provvista online

Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jirrappreżentaw mudell ta' negozju ġdid iġġenerat mill-kummerċ elettroniku. Dawn l-entitajiet jipprovdu servizzi lil operaturi ekonomiċi oħraji. Huma ġeneralment jaħżnu l-prodotti u, wara li jirċievu l-ordnijiet, jippakkjaw il-prodotti u jibagħtuhom bil-baħar lill-klijenti. Huma jistgħu jittrattaw ukoll il-prodotti ritornati. Hemm firxa wiesgħa ta' mudelli tan-negożju għall-konsenja tas-servizzi ta' ġestjoni. Xi fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jooffru servizzi estensivi, filwaqt li oħraji jipprovdu biss livell bażiku ta' servizz. Id-daqs u l-iskala tagħhom ivarjaw ukoll, minn operaturi globali sa intrapiżi mikro.

(37) Fxi każiżiet, id-deċiżjoni dwar il-konformità u s-sigurtà trid tittieħed mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, filwaqt li f'każiżiet oħraji, l-awtoritajiet dogħani u l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq huma l-istess organizzazzjoni. Dan jiddependi fuq kif l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali huma organizzati fil-livell nazzjonali.

(38) L-Artikolu 27(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

(39) Il-Premessa 7 tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti tikkjarifika li d-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti, irrispettivament mit-tekniki tal-bejġi, inklużi l-bejġi mill-bogħod u l-bejġi elettroniku.

(40) L-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

(41) L-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

(42) Id-definizzjoniżiet tal-operaturi ekonomiċi (manifattur, rappresentant awtorizzat, importatur u distributur) u r-responsabbiltajiet tagħhom jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tad-9 ta' Lulju 2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82) fiha dispożizzjoni-jiet mudell li jridu jiġu integrati flegħiżlazzjoni relatata mal-prodotti, filwaqt li aktar minn 10 Direttivi ta' “approċċ ġdid” diġi fihom dawn id-dispożizzjoni-jiet standard: pereż, id-Direttivi dwar is-Sikurezza tal-ġugarelli, il-Vultaġġ baxx, l-Isplussivi ċivili, eċċ. <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:218:0082:0128:mt:PDF>. Il-għidha tapplika mingħajr preġudizzju għal definizzjoni-jiet aktar spċifici tal-operaturi ekonomiċi u għar-rekwiżiți relatati stabbiliti fil-leġiżlazzjoni spċifici għas-settur.

(43) Madankollu, l-importatur għandu livell oħġla ta' responsabbiltà mid-distributur.

Dan il-mudell ta' negozju ġdid tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jqajjem kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet tagħhom skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti. Dan huwa l-każ speċjalment meta l-operatur ekonomiku li jip-provdi l-oġġetti jkun jinsab barra mill-UE u l-ftehim għall-forniment tal-prodott ikun konkluż direttament bejn dak l-operatur ekonomiku u l-konsumatur jew utenti finali oħra fl-UE, mingħajr ebda operatur ekonomiku identifikabbli fl-UE li jinżamm responsabbli (pereżempju, importatur jew rappreżentant awtorizzat). F'każ bħal dan, l-uniku attur identifikabbli fil-katina tal-provvista fl-UE sikkwit ikun il-fornitur ta' servizz ta' ġestjoni. L-esperjenza wriet li r-rieda tagħ-hom li jikkollaboraw mal-awtoritajiet tvarja b'mod sinifikanti.

Il-prodotti offruti mill-operaturi online jistgħu jinħażnu mill-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni li jinsabu fl-UE sabiex ji-garantixxu l-konsenza rapida lill-konsumaturi tal-UE u lil utenti finali oħra. Għaldaqstant, il-prodotti maħżuna minn dawn il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jistgħu jitqiesu bħala li ġew fornuti għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-u fis-suq tal-Unjoni u, b'hekk, bħala li tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, speċjalment jekk ikunu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni libera qabel ikunu maħżuna fl-istabbilimenti ta' eżekuzzjoni (⁴⁴).

### 3.2.2. Ir-responsabbiltajiet tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni fil-katina tal-provvista online

Biex jivvalutaw ir-responsabbiltajiet possibbli tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali għandhom ikunu jafu jekk il-fornitur ta' servizz ta' ġestjoni huwiex operatur ekonomiku responsabbli kif definit mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti.

#### 3.2.2.1. Manifatturi fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew proddutti fis-sens tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti

Il-manifatturi huma definiti bħala kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott, jew li għandha prodott iddisinjat jew immanifatturat, u li tqiegħdu fis-suq taħt isimha stess jew bit-trademark tagħha (⁴⁵). Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni ġeneralment jipprovdū servizzi għall-ħażna, l-ippakkjar u l-konsenza ta' prodotti li digħi kienu manifatturati minn operatur ekonomiku. Madankollu, jekk il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jippreżentaw ruħhom bħala manifatturi billi jwaħħlu isimhom jew it-trademark tagħhom fuq il-prodotti, huma jinħtieġ li jitqiesu bħala manifatturi fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Jekk il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jippreżentaw ruħhom bħala l-manifatturi billi jwaħħlu isimhom, it-trademark tagħhom jew marka distintiva oħra fuq il-prodott, jew jekk jirrikondizzjonaw, huma jinħtieġ li jitqiesu bħala proddutti skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti (⁴⁶). Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 2(e)(iii) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, profesjonist fil-katina tal-provvista jitqies bħala proddutti safejn l-attività tiegħu tista' taffettwa l-proprietajiet tas-sigurtà tal-prodott (⁴⁷). Taffettwa l-proprietajiet tas-sigurtà ta' prodott tfisser, b'mod partikolari, li timmofidika l-istruttura, il-kompożizzjoni jew il-preżentazzjoni tiegħu b'mod li joħloq riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuni (⁴⁸). Għalhekk, jekk il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jkunu fil-katina tal-provvista u l-attivitàajiet tagħhom jaffettwaw il-proprietajiet tas-sigurtà tal-prodott, huma jinħtieġ li jitqiesu bħala proddutti skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

#### 3.2.2.2. Rappreżentanti awtorizzati fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew ir-rappreżentanti tal-manifatturi fis-sens tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti

Skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, ir-rappreżentant awtorizzat huwa kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabilita fl-UE li tkun ir-ċeviet mandat bil-miktub mingħand il-manifattur sabiex taġixxi fismu fir-rigward ta' kompiti spċifici (⁴⁹). Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jistgħu jitqiesu bħala rappreżentanti awtorizzati jekk ikunu jinsabu fl-UE u jkollhom mandat formali bil-miktub mill-operatur ekonomiku li jimi manifattura u jikkummercializza l-oġġetti, li jawto-rizzahom sabiex jaġixxu fisimhom stess fir-rigward ta' kompiti spċifici.

Biex il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni li jinsabu fl-UE jitqiesu bħala rappreżentanti tal-manifatturi skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, jeħtieġ li huma jingħataw mandat spċificu mill-manifattur mill-pajjiż terz sabiex jaġixxu bħala tali (⁵⁰).

(⁴⁴) Din l-ispiegazzjoni ma tipprovax tindirizza l-kwistjoni ta' responsabbiltà intermedjarja u t-terminu 'operatur online' użat f'dan il-kuntest jista' ma jkoprix tali intermedjarji.

(⁴⁵) Il-Punt 3 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

(⁴⁶) L-Artikolu 2(e)(i) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

(⁴⁷) L-Artikolu 2(e)(iii) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

(⁴⁸) Ara l-Artikolu 2(b) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

(⁴⁹) Il-Punt 4 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

(⁵⁰) L-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

### 3.2.2.3. Importaturi fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u/jew fis-sens tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti

Skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008, l-importaturi huma definiti bħala persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li jieghdu prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni<sup>(51)</sup>. Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni ma jieghdux il-prodotti li jaħżnu fis-suq jekk huma ma jkunux dawk li l-ewwel joffru l-prodotti għad-distribuzzjoni, għall-konsum jew għall-użu fis-suq tal-Unjoni. Fkaż bħal dan, il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jirċievu biss il-prodotti mingħand il-bejjiegħ online għal servizzi sussegamenti u, għalhekk, mhuwiex probabbli li jitqiesu bħala importaturi kif definiti mil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti. Madankollu, analiżi każ b'każ tista' turi li l-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni huma importaturi kif definiti mil-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni<sup>(52)</sup>.

Kuntrarju għar-Regolament (KE) Nru 765/2008, id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti ma tiddefinixx l-importatur; hija tqis l-importaturi bħala proddutti fċerti ċirkostanzi (b'mod partikolari, jekk ma jkun hemm ebda rappreżentant tal-manifattur fl-UE)<sup>(53)</sup>. Biex dan il-kunċċet ikun jista' jiġi applikat b'mod effettiv, il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jistgħu jitqiesu bħala importaturi skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti jekk il-prodotti li jaħżnu, jittikkettaw, jippakkjaw, eċċ. ikunu ġejjin minn barra l-UE u huma jieghduhom fis-suq tal-Unjoni.

### 3.2.2.4. Distributuri fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u/jew fis-sens tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti

Meta ma jitqisux bħala manifatturi, rappreżentanti awtorizzati jew importaturi, u l-aktivitajiet tagħhom imorru lil hinn minn dawk tal-fornituri tas-servizzi tal-pakketti li jipprovd u servizzi ta' kklerjar, issortjar, trasportazzjoni u konsenja ta' pakketti<sup>(54)</sup>, il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni jitqiesu bħala distributuri fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, distributur ifisser kull professjonist fil-katina tal-provvista li l-aktivitā tiegħu ma taffettwax il-proprietajiet tas-sigurtà ta' prodott<sup>(55)</sup>. Skont l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, "taffettwa l-proprietajiet tas-sigurtà tal-prodott" għandha l-istess tifsira bħal skont l-Artikolu 2(e)(iii) ta' dik id-Direttiva. Jekk, wara valutazzjoni każ b'każ tal-aktivitajiet speċifiċi tagħhom, jinstab li l-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni ma jaffettwawx il-proprietajiet tas-sigurtà ta' prodott, skont id-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti, huma jistgħu jitqiesu bħala distributuri fil-katina tal-provvista, sakemm l-aktivitajiet tagħhom ma jmorrx lill hinn minn dawk tal-fornituri tas-servizzi ta' pakketti<sup>(56)</sup>.

Fil-prattika, dan ifisser li l-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni li jikkwalifikaw bħala distributuri għandhom ir-responsabbilitajiet li ġejjin abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni u d-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti:

- (1) Id-distributuri<sup>(57)</sup> għandhom jaġixxu bl-attenzjoni dovuta meta jieghdu l-prodotti disponibbli fis-suq<sup>(58)</sup>. Dan l-obbligu jirreferi għall-imġiba ta' kwalunkwe operatur raġonevoli u normalment prudenti li jipprova jippreveni l-ħsara. Id-distributuri għandhom ikunu kapaċi juru lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li huma aġixxew bl-attenzjoni dovuta<sup>(59)</sup>.
- (2) Id-distributuri<sup>(60)</sup> għandhom jivverifikaw, qabel jagħmlu l-prodotti disponibbli fis-suq:
  - (a) li l-prodotti, jekk applikabbli, ikollhom il-marka CE (jekk eliġibbli) jew marka oħra li tkun legalment meħtieġa,
  - (b) li l-informazzjoni neċċessarja takkumpanja l-prodott (pereż struzzjonijiet dwar is-sigurtà tal-utenti, id-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE),

<sup>(51)</sup> Il-Punt 5 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(52)</sup> Indikazzjoni tista' tkun l-isem, it-trademark irregjistrata u l-indirizz ta' kuntatt fuq il-prodott u/jew id-dokumentazzjoni ta' akkumpjanjament.

<sup>(53)</sup> L-Artikolu 2(e) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(54)</sup> Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali) (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14). Ara wkoll it-Taqsima 3.3.3 ta' dan l-Avviż dwar il-fornituri ta' servizzi postali.

<sup>(55)</sup> L-Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(56)</sup> Id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali; ara wkoll it-Taqsima 3.3.3 ta' dan l-Avviż dwar il-fornituri ta' servizzi postali.

<sup>(57)</sup> Ara l-Avviż tal-Kummissjoni C(2016) 1958 "Il-Gwida Blu", it-Taqsima 3.4 dwar Id-distributuri u l-leġiżlazzjoni settorjali allinjalha mal-Artikolu mudell R5 "Obbligi tad-distributuri" u l-Artikolu R7 "Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi" tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2008:218:0082:0128:mt:PDF>

<sup>(58)</sup> L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(59)</sup> Ara wkoll l-Avviż tal-Kummissjoni C(2016) 1958 "Il-Gwida Blu", it-Taqsima 3.4. "Attenzjoni dovuta" tirreferi għal-livell ta' ġudizzju, attenzjoni, prudenza, determinazzjoni u attivitā fċirkostanzi partikolari. Għalhekk, l-eżerċitar tal-obbligu ta' 'attenzjoni dovuta' mid-distributur jista' jieħu forom differenti, skont iċ-ċirkostanzi, u jista', pereżempju, jinvolvi sistema ta' kontroll ibbażata fuq ir-riskju.

<sup>(60)</sup> Ara n-nota 57 f'qiegħ il-paġna.

- (c) li r-rekwiżiti tal-lingwa għat-tikkettar, l-istruzzjonijiet għall-utenti u dokument ta' akkumpanjament oħrajn jiġu ssodisfati,
- (d) li r-rekwiżiti tat-träċċabilità fir-rigward tal-manifattur u l-importatur jiġu ssodisfati.
- (3) Id-distributuri<sup>(61)</sup> għandhom obbligu li jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Fejn applikabbli, huma għandhom:
- (a) jaġħtu bidu għal miżuri korrettivi meta huma jaċi jew ikollhom raġuni biex jemmnu li l-prodotti mhumiex konformi jew huma perikolużi<sup>(62)</sup>,
  - (b) jassistu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jidentifikaw il-manifattur jew l-importatur responsabbi għall-prodott<sup>(63)</sup>,
  - (c) jikkooperaw mal-awtoritajiet u jipprovu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità fuq talba motivata, u
  - (d) jidentifikaw kwalunkwe operatur ekonomiku li pprovda l-prodotti u li lil huma pprovde dawk il-prodotti, matul perjodu ta' 10 snin (fil-każ tal-prodotti armonizzati) wara li ġew ipprovduti l-prodotti lilhom jew wara li pprovdewhom huma.

Fil-prattika, dan ifisser li l-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni li jikkwalifikaw bħala distributuri, kif ġie spjegat hawn fuq, jinhieg li jkunu kapaċi jidentifikaw u jikkuntattjaw lill-manifattur u lil kwalunkwe operatur online ieħor<sup>(64)</sup>, jinhieg li jikkooperaw mal-awtoritajiet fuq kwalunkwe miżura korrettiva u jinhieg li jibdew azzjonijiet korrettivi sal-punt possibbli (pereżempju, jissospendu l-konsenza filwaqt li jikkuntattjaw lill-manifattur u lil kwalunkwe operatur online ieħor).

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 8(4)(c) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti jippermetti lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jieħdu miżuri li jkunu indirizzati lil kwalunkwe persuna (minbarra l-produttur jew id-distributur fis-sens tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti) fejn meħtieġ, bil-għan tal-kooperazzjoni fl-azzjoni meħuda sabiex jiġu evitati r-riskji li jinħolqu minn prodott, skont il-prinċipju tal-proporzjonalità<sup>(65)</sup>.

### 3.3. Atturi rilevanti oħrajn

#### 3.3.1. Id-dikjarant skont il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

Id-dikjarant huwa l-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni doganali<sup>(66)</sup>. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitkolbu lid-dikjaranti sabiex jikkooperaw meta jwettqu l-attivitàajiet ta' sorveljanza tas-suq.

L-Artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni jaġħtu s-setħha lill-awtoritajiet doganali biex jeżaminaw id-dikjarazzjoni doganali u d-dokumenti ta' prova, jivverifikaw il-preċiżjoni tal-informazzjoni pprovduta, jitkolbu lid-dikjarant jipprovi xi dokumenti oħrajn, jeżaminaw l-oġġetti u jieħdu kampjuni. Dawn l-operazzjonijiet jitwettqu taħt ir-responsabilità tad-dikjarant, li jħallas ukoll l-ispejjeż involuti.

#### 3.3.2. Fornituri ta' servizzi intermedjarji online

L-operaturi ekonomiċi jistgħu jbiegħu l-prodotti direttament lill-konsumaturi jew lil utenti finali oħrajn minn fuq ħwienet online u jistgħu jużaw ukoll is-swieq ipprovduti minn pjattaformi online<sup>(67)</sup>.

Id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku<sup>(68)</sup> tistabbilixxi l-qafas legali ġenerali għall-kummerċ elettroniku fl-UE. L-obbligi stabbiliti japplikaw, fost l-oħrajn, għall-bejjiegħha online ta' prodotti u servizzi jew għal dawk li jirreklamaw

<sup>(61)</sup> Ara n-nota 57 f'qiegħ il-paġna. Barra minn hekk, l-Artikolu mudell R31 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE jistipula li l-operatur ekonomiku għandu jażgura li tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fir-rigward tal-prodotti kkonċernati li huwa għamel disponibbi fis-suq madwar l-UE kollha. L-operatur ekonomiku għandu, kif meħtieġ, jikkooper mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

<sup>(62)</sup> L-Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(63)</sup> L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(64)</sup> Ara n-nota 13 f'qiegħ il-paġna.

<sup>(65)</sup> L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti.

<sup>(66)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1). L-Artikolu 4(15) tal-KDU jiddefinixxi d-dikjarant bħala l-persuna li qed tagħmel dikjarazzjoni doganali fisimha stess jew il-persuna li fisimha qed issir dikjarazzjoni.

<sup>(67)</sup> Hemm negożi li jipprovu kemm servizzi intermedjarji online kif ukoll servizzi ta' ġestjoni. L-obbligi rispettivi tagħhom jiġu kkunsidrati skont il-kapaċitā li fiha jaġixxu fil-każ partikolari.

<sup>(68)</sup> Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarmen il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

online, sakemm ikunu fornitori ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni<sup>(69)</sup> li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku hija kkomplementata minn leġiżlazzjoni oħra tal-UE, b'mod partikolari l-liġi tal-kummerċjalizzazzjoni u l-konsumaturi tal-UE<sup>(70)</sup>.

Id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku tistandardizza wkoll l-eżenzjonijiet mir-responsabbiltà għall-kontenut ta' terza persuna li japplikaw għal dawk il-fornitori ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jaġixxu bħala intermedjarji. Għal dan il-għan, hija tiddeskrivi tliet kategoriji ta' servizzi differenti, li minnhom il-hosting huwa l-aktar rilevanti minn perspettiva ta' konformità u sigurtà tal-prodotti<sup>(71)</sup>. Il-hosting huwa servizz fejn fornitur ta' servizz intermedjarju, bħal suq online jew pjattaforma online<sup>(72)</sup>, sempliċiement jaħżeen b'mod passiv fuq is-server tiegħu – u jagħmilha possibbli għall-pubbliku – l-informazzjoni pprovduta mir-riċevitħ tas-servizz, bħal bejjieħ online ta' prodotti.

Il-fornitori ta' servizzi intermedjarji li jwettqu attivitajiet ta' hosting jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jibbenifikaw minn eżenzjoni mir-responsabbiltà<sup>(73)</sup> għall-informazzjoni illegali pprovduta minn terzi persuni bl-użu tan-netwerks tagħhom jew għall-attivitajiet illegali mibdja minn terzi persuni, bħal informazzjoni li tikkostitwixxi ksur ta' dritt tal-autur jew trademark jew pratti kummerċjali żleali. Filwaqt li d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku ma tiddefinixx il-kunċett ta' informazzjoni jew attivitā illegali, abbażi tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni u d-Direttiva dwar is-Sigurta Ġenerali tal-Prodotti, dan il-kunċett jista' jkopri wkoll l-offerta ta' prodotti mhux konformi u/jew mhux siguri<sup>(74)</sup>.

Madankollu, l-eżenzjoni mir-responsabbiltà hija soġġetta għal kundizzjonijiet speċifiċi. Hija tapplika biss jekk il-fornitori ta' servizzi intermedjarji ma jkollhom ebda għarfien jew konoxxenza attwali tal-attività illegali jew tal-informazzjoni ospitata jew, jekk malli jiksbu tali għarfien jew konoxxenza (pereżempju permezz ta' avviż "preċiż biżżejjed u ssostanzjat b'mod adegwat"<sup>(75)</sup>), huma jaġixxu mingħajr dewmien sabiex innejha jew jiddiżżattav l-aċċess għaliha. Jekk il-fornitori ta' servizz ta' hosting ma jissodisfawx dawn il-kundizzjonijiet, huma ma jkunux koperti mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà u b'hekk ikunu jistgħu jinżammu responsabbi għall-kontenut li jospitaw.

L-eżenzjoni mir-responsabbiltà stabilita fid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jistabbilixxu proċeduri li jirregolaw it-tnejħiha jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni<sup>(76)</sup>.

Bl-istess mod, qorti jew awtorità amministrativa, skont is-sistemi legali tal-Istati Membri, tista' titlob lill-fornitur ta' servizz ta' informazzjoni jwaqqaf jew jipprevenni ksur billi jnejha l-kontenut ta' terza persuna u/jew jipprevenni l-allegat ksur milli jerġa' jseħħ fil-gejjjeni<sup>(77)</sup>. F'dan is-sens, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jistabbilixxu rekwiżiti ta' monitoraġġ speċifiċi, sakemm il-kamp ta' applikazzjoni tagħihom ikun immirat b'mod ċar kif deskrirt fit-Taqsima 5.2 tal-Parti B ta' dan l-Avviż.

<sup>(69)</sup> Ara l-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi proċedura għall-għti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1); din id-definizzjoni tkopri kwalunkwe servizz normalment ipprovdut għal remunerazzjoni, f'distanza, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individuali tar-riċevitħ tas-servizz.

<sup>(70)</sup> Ara l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku. Direttivi bħad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar id-drittijiet tal-konsumatur (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 4) u d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar pratti kummerċjali żleali fin-negożju mal-konsumatur fis-suq intern (id-Direttiva dwar Pratti kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22) japplikaw għal kwalunkwe operatur ekonomiku li jikk-walifika bħala operatur tas-suq u jinvvoli ruħu fattivitajiet kummerċjali lejn il-konsumaturi, inkluż fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku. Skont il-Gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE, fir-rigward tal-operaturi ekonomiċi terzi li jaġixxu fuq pjattaforma, il-pjattaforma mnifha għandha tieħu miżuri xierqa sabiex tippermetti lill-operaturi tas-suq terz jikkonformaw mal-liġi tal-kummerċjalizzazzjoni u l-konsumaturi tal-UE flimkien mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti u/jew ir-rekwiżiti tal-liġi dwar is-sigurta tal-prodotti (inkluża l-indikazzjoni fuq is-sit web tagħha tal-marka CE, kwalunkwe twissijiet, informazzjoni u tikketti meħtieġa fkonformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli). Il-leġiżlazzjoni specifica għas-settu tista' tħalli kollu rekwiżiti ta' tikkettar għall-bejjġi online, bħal għall-prodotti tal-enerġija mibjugħha online, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 518/2014. Il-Gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-25 ta' Mejju 2016, SWD(2016) 163 final, tinsab fuq [http://ec.europa.eu/justice/consumer-marketing/files/ucp\\_guidance\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/justice/consumer-marketing/files/ucp_guidance_mt.pdf), ara b'mod partikolari l-paġni 75-76.

<sup>(71)</sup> Attivitajiet oħrajn deskritti wkoll mid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku huma: 1) "attivitajiet ta' sempliċi intermedjazzjoni" bħatrażmissjoni ta' informazzjoni (iprovduta mir-riċevitħ tas-servizz) jew l-għti tal-aċċess għal netwerk ta' komunikazzjoni (pereż, fornitori tal-Internet) u 2) "attivitajiet ta' caching", bħal li t-trażiżżoni tal-informazzjoni ssir aktar effiċċienti, eż, id-duplikazzjoni ta' bażi ta' data li tikkopja l-kontenut tas-serveri inizjali sabiex tiġi żgurata kopertura globali.

<sup>(72)</sup> Ċerti operaturi ekonomiċi jwettqu diversi tipi ta' attivitajiet. Huma jistgħu jipprovdu servizzi ta' hosting, iż-żidha jistgħu wkoll jinnegozjaw fis-simhom stess u jipprovdu servizzi oħrajn marbuta mal-kummerċ elettroniku. L-awtoritajiet kompetenti għandhom dejem jid-determinaw fil-każ-partikolari fliema kwalità jrid jiġi kkunsidrat l-operatur ekonomiku jew is-sit web.

<sup>(73)</sup> L-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku.

<sup>(74)</sup> Safejn tali offerta trid titqies bħala illegali.

<sup>(75)</sup> Fil-Kawża C-324/09, L'Oréal vs eBay, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ċċar li l-kwistjoni rilevanti li tirrigwardja l-kundizzjoni sabiex wieħed jibbenifika minn eżenzjoni mir-responsabbiltà kienet jekk eBay kinitx konxa ta' fatti u ċirkostanzi li minnhom l-attività illegali kienet evidenti (il-paragrafi minn 120 sa 123).

<sup>(76)</sup> L-Artikolu 14(3) u l-Premessa 46 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku.

<sup>(77)</sup> L-Artikolu 14(3) u l-Premessa 47 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku.

Madankollu, skont il-bażi legali attwali, l-Istati Membri ma jistgħux jimponu obbligu ġeneralni fuq l-intermedjarji online, bħall-fornituri ta' servizzi ta' hosting, li jimmonitorjaw il-kontenut jew obbligu ġeneralni li jfittxu b'mod attiv il-fatti jew iċ-ċirkostanzi li jindikaw attivitajiet illegali.

Dan ifisser, pereżempju, li l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux jistabbilixxu obbligu ġeneralni għal dawn l-intermedjarji li jimmonitorjaw b'mod attiv it-traffiku kollu tal-Internet u li jfittxu partijiet li jindikaw attivitajiet illegali, bħal li jiġu offruti prodotti perikolużi jew mhux konformi għall-bejgħ (⁷⁸). Dan kien iċċarat aktar mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (⁷⁹).

Fil-kuntest tal-attivitajiet ta' serveljanza tas-suq ibbażati fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti, tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni rilevanti, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku japplikaw fil-każijiet fejn prodotti mhux konformi u/jew mhux siguri jinbiegu permezz ta' fornitur ta' servizz intermedjarju online. Irrispettavament minn kull azzjoni meħuda kontra fornitur ta' servizz intermedjarju online, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jeħtieġ li jwettqu sorveljanza tas-suq abbażi tad-dispożizzjonijiet applikabbi tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti, tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u tal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni rilevanti, kif ukoll jimmiraw għall-atturi fil-katina tal-provvista (fir-rigward tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti, pereżempju, il-produttur jew id-distributur, kif xieraq (⁸⁰)). L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jīvvalutaw l-laktar azzjoni xierqa li trid tittieħed fuq bażi ta' każ b'każ u fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din tieħu fkunsiderazzjoni l-livell tar-riskju, jekk l-operatur ekonomiku huwiex identifikabbi, l-urġenza, jekk preċedentement kinux ittieħdu miżuri kontra l-prodott partikolari, eċċ. (⁸¹).

### 3.3.3. Fornituri ta' servizzi postali

Id-Direttiva dwar is-Servizzi Postali ma tkoppix l-oġġetti pprojbiti u ristretti. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jimponu kundizzjonijiet fuq il-provvista ta' servizzi postali sabiex jiggarrantixxu l-konformità ma' rekwiżiti esenzjali bħas-sigurta tan-netwerk fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti perikolużi (⁸²). Minħabba li s-servizzi postali jridu jiggarrantixxu l-kunfinanzjalità tal-korrispondenza u tal-oġġetti postali li jikkonsenjaw, fil-prinċipju, huma mhumiex responsabbli għall-kontenut li jkunu qegħdin jikkonsenjaw. Madankollu, il-ħidma tal-fornituri tas-servizzi postali tista' tīgi affettwata mill-kontrolli fuq il-prodotti, minħabba li l-pakketti li jkun fihom prodotti ordnati minn pajiżi terzi u li jgħaddu minn proċeduri doganali jistgħu jinfetħu u jiġi vverifikati mill-awtoritajiet doganali (⁸³).

## PARTI B — ASPETTI PRATTIĊI TAS-SORVELJANZA TAS-SUQ GĦALL-PRODOTTI MIBJUGĦA ONLINE

Din il-parti tipprovdi pariri u xi eżempji ta' prattiki tajbin għall-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar is-sorveljanza tas-suq tal-prodotti offruti għall-bejgħ online lil konsumaturi jew utenti finali fl-UE, primarjament abbażi tal-prattika attwali (⁸⁴).

### 1. Prinċipji ġenerali għas-sorveljanza tas-suq

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom iżommu f'moħħhom ċerti prinċipji ġenerali meta jwettqu l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq applikabbi għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq kemm tradizzjonali kif ukoll online.

(⁸²) L-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku.

(⁸³) Ara, pereżempju, il-Kawża C-70/10, SABAM vs Scarlet, u C-360/10, SABAM vs Netlog, fejn il-Qorti ddikjarat li d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, id-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur) (ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10) u d-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-infurzar tad-drittijiet ta' proprietà intellettuali (id-Direttiva dwar l-Infurzar) (ĠU L 195, 2.6.2004, p. 16), moqrija flimkien u interpretati fid-dawl tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali applikabbi, għandhom jiġi interpretati bħala li jipprekl-ludu qorti nazzjonali milli toħroġ inġunzjoni kontra fornitur ta' servizz ta' hosting li titlob minnu li jinstalla sistema għall-filtrazzjoni tal-informazzjoni li hija maħżuna fuq is-servers tiegħu mill-utenti tas-servizz tiegħu; li tapplika mingħajr ebda diskriminazzjoni għal dawk l-utenti kollha, bħala miżura preventiva, esklusivament għas-spejjeż tagħha u għal perjodu ta' żmien mhux limitat; li tkun kapaċi tidentifika l-fajls elektronici li jkun fihom xogħol mużikali, ċinematografiku jew awdjoviż li fir-rigward tagħhom l-applikant għall-inġunzjoni jsostni li għandu drittijiet ta' proprietà intellettuali, bil-ġhan li jiġi evitat li dawk ix-xogħlijiż isiru disponibbli għall-pubbliku bi ksur tad-drittijiet tal-awtur.

(⁸⁴) Ara l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti.

(⁸⁵) L-Artikolu 8(2) u s-subparagrafi 2 u 3 tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ĝeneralni tal-Prodotti. l-Artikoli 18(4), 19(1), 20(2) u 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

(⁸⁶) L-Artikolu 9 u l-Artikolu 2(19) tad-Direttiva dwar is-Servizzi Postali.

(⁸⁷) Ara l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, l-Artikoli 46, 188 u 189.

(⁸⁸) Għal deskrizzjoni ta' xi prattiki tal-awtoritajiet, ara "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online" u l-Anness tiegħu: <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native>.

Il-prinċipju tal-proporzjonalitā<sup>(85)</sup> jirrikjedi li l-awtoritajiet jieħdu miżuri proporzjonali għas-serjetà tar-riskju maħluq mill-prodott<sup>(86)</sup> u/jew għas-severità tan-nuqqas ta' konformitā<sup>(87)</sup>. Fl-istess ħin, għandu jittieħed kont dovut tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

Barra minn hekk, is-sorveljanza tas-suq jinħtieġ li timmira, bi priorità, għall-aktar atturi rilevanti fil-katina tal-provvista u titlob li jittieħdu azzjonijiet korrettivi, b'mod partikolari minn dawk (il-manifattur/produttur jew l-importatur) responsabbli għat-taqiegħid ta' prodott fis-suq tal-Unjoni. Din it-talba jinħtieġ li ssir qabel jew b'mod parallel mal-indirizzar tad-distributur li huwa aktar 1 isfel fil-katina tal-provvista.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet minn Stati Membri differenti jinħtieġ li jikkooperaw għal sorveljanza tas-suq effettiva<sup>(88)</sup>. Dan huwa partikolarmen rilevanti meta wieħed iqis in-natura transkonfinali tal-kummerċ elettroniku.

## 2. L-istrateġja u l-ippjanar tas-sorveljanza tas-suq online

Biex tiġi żgurata l-organizzazzjoni effettiva tal-attivitàjiet tas-sorveljanza tas-suq, huwa utli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri li jistabbilixxu strateġija ta' sorveljanza tas-suq għall-prodotti offruti għall-bejgħ online sabiex jilħqu bilanċ bejn il-kompiut tagħhom tal-monitoraġġ ta' firxa wiesha ta' prodotti online u r-riżorsi disponibbli għat-twettiq tal-kontrolli. Din l-istrateġja jinħtieġ li tistabbilixxi l-prioritajiet għall-attivitàjiet ta' sorveljanza tagħhom u talloka r-riżorsi kif xieraq. L-istrateġja jinħtieġ li tieħu fkunsiderazzjoni li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jwettqu s-sorveljanza tas-suq b'mod proattiv u reattiv.

Meta jwettqu s-sorveljanza tas-suq b'mod proattiv, l-awtoritajiet jikkontrollaw ċerti kategoriji ta' prodotti jew ċerti operaturi ekonomiċi b'inizjattiva tagħhom stess jew fuq il-bażi ta' kriterji relatati mar-riskju. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jinħtieġ li jipproritizzaw il-kontrolli billi jimmiraw għal dawk l-operaturi ekonomiċi li qegħdin jikkawżaw l-aktar ħsara fil-ġurisdizzjoni ta' dik l-awtorità.

Meta l-awtoritajiet tal-Istati Membri jwettqu s-sorveljanza tas-suq b'mod reattiv, dan jagħmluh wara li jirċievu informazzjoni dwar l-offerti online ta' prodotti perikolużi u mhux konformi. Is-sorveljanza tas-suq reattiva tista' titwettaq bl-użu ta' diversi sorsi ta' informazzjoni. Mod effettiv ta' kif titwettaq din is-sorveljanza huwa li jiġi vverifikat jekk il-prodotti perikolużi nnotifikati fis-Sistema ta' Twissija Bikrija tal-UE għal prodotti mhux tal-ikel perikolużi humiex qegħdin jinbiegħu online<sup>(89)</sup>. Sorsi ta' informazzjoni oħrajn li jistgħu jintużaw għal dan il-għan jinkludu l-portal globali dwar is-sejħiet lura ta' prodotti mis-suq tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-iżvilupp Ekonomiċi (OECD)<sup>(90)</sup>, l-ilmenti tal-konsumatori u l-informazzjoni riċevuta mingħand awtoritajiet oħrajn, operaturi ekonomiċi u l-midja.

## 3. L-organizzazzjoni tas-sorveljanza tas-suq online

Il-kontrolli fuq il-prodotti mibjugħha online jitħolbu għal xi bidliet prattiċi spċifici fil-mod tradizzjonali kif tiġi organizata s-sorveljanza tas-suq mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

Fuq il-bażi tal-esperjenza ta' xi Stati Membri, l-unitajiet ċentrali tad-deżinazzjoni għall-monitoraġġ u t-traċċar ta' prodotti perikolużi u mhux konformi mibjugħha online jistgħu jgħiġ fl-iżgħur tal-użu effiċjenti tar-riżorsi disponibbli għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq<sup>(91)</sup><sup>(92)</sup>. Ladarba jiġu identifikati l-prodotti perikolużi u mhux konformi u l-operaturi ekonomiku rilevanti mill-unità tas-sorveljanza online, ikun jista' jsir is-segwitu mill-ispetturi kompetenti.

L-ispetturi online jinħtieġ li jkollhom għarfien spċificu u konoxxenza tal-ambjent u l-investigazzjonijiet online sabiex iku nnu effiċjenti fl-identifikazzjoni ta' prodotti perikolużi u mhux konformi. F'dan ir-rigward, l-iżvilupp ta' proċeduri operattivi standard u linji gwida għas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri tal-prodotti mibjugħha online jista':

- jgħin lill-uffiċjali tas-sorveljanza tas-suq jaħżnu u jsibu l-informazzjoni rilevanti spċifica għall-investigazzjonijiet online f'post wieħed u b'mod strutturat;

<sup>(85)</sup> Fuq il-bażi tal-Artikolu 18(4) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġeneral tal-Prodotti.

<sup>(86)</sup> L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġeneral tal-Prodotti.

<sup>(87)</sup> L-Artikoli 18(4), 19(1), 20(2) u 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(88)</sup> L-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 iġieġħel lill-awtoritajiet jipprovdu assistenza b'talba u jiskambjaw informazzjoni u dokumentazzjoni. Ara wkoll id-dokument 2015-IMP-MSG-02rev03 approvat mill-Grupp ta' Esperti dwar is-Suq Intern tal-Prodotti – "Market Surveillance and Conformity Assessment Policy" <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/17108/attachments/1/translations/en/renditions/native>

<sup>(89)</sup> [http://ec.europa.eu/consumers/consumers\\_safety/safety\\_products/rapex/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/consumers/consumers_safety/safety_products/rapex/index_en.htm)

<sup>(90)</sup> <http://globalrecalls.oecd.org/>

<sup>(91)</sup> Prattiċa tal-Istati Membri: Il-Każ 5 u l-Każ 6 ta' "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online" - <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native> u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8724/attachments/1/translations/en/renditions/native>.

<sup>(92)</sup> Dawn l-unitajiet jistgħu, pereżempju, jissimplifikaw is-sorveljanza tas-suq billi jivverifikaw, fl-istess ħin, ir-rekwiżiti minn atti leġiżlativi differenti (pereż. is-sigurtà tal-prodotti, ir-rekwiżiti tat-tikkettar tal-enerġija).

— iżid l-effiċjenza tal-attivitajiet tagħhom (⁹³).

Biex jikkomplementaw dan, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jinħtieġ li jinvolvu ruħhom f'taħriġ u skambji ta' informazzjoni bejniethom, flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, dwar l-aħjar prattika għall-investigazzjonijiet online.

L-investigazzjonijiet online marbuta mal-infurzar tal-liggi jiet dwar is-sigurtà tal-prodotti u mal-leġiżlazzjoni dwar l-infurzar tal-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi (⁹⁴) għandhom ħafna karatteristiċi komuni. Huma ta' spiss jindirizzaw l-istess tip ta' siti web jew saħansitra l-istess operaturi ekonomiċi. Għalhekk, jista' jkun effiċċenti għall-investigazzjonijiet online marbuta maż-żewġ oqsma li jitwettqu mill-istess unitajiet ċentralizzati. B'mod partikolari, dan jista' jkun utli meta l-istess awtorità tal-Istat Membru tkun responsabbi għal dawn l-oqsma ta' politika, li huwa l-każ illum fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Minħabba s-similaritajiet ta' dawn l-investigazzjonijiet online, il-għida stabbilita f'qasam wieħed ta' politika tal-konsumatur tista' tkun utli wkoll fl-oqsma ta' politika l-oħrajn.

#### 4. Il-karatteristiċi u l-htigġijiet speċifiċi tal-investigazzjonijiet online

Lad darba jkunu ġew stabbiliti l-istratgeġja, l-ippianar u l-organizzazzjoni xierqa tas-sorveljanza tas-suq online, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet online b'mod aktar effiċċenti. Meta jitwettqu l-investigazzjonijiet online, għandhom jiġu kkunsidrati xi karatteristiċi u htigġi speċifiċi.

Waħda mid-differenzi ewlenin bejn l-investigazzjonijiet online u dawk fil-ktajjen tal-provvisti tradizzjonal hija l-aċċess tal-awtoritajiet għall-prodotti fiziċċi. Fl-investigazzjonijiet online, jeħtieġ li l-awtoritajiet jivverifikaw l-informazzjoni disponibbli fuq is-sit web fejn il-prodott jiġi offrut għall-bejgħ u, jekk ikun hemm dubji dwar il-konformità, huma għandhom jieħdu kampjuni tal-prodotti. Fil-ktajjen tal-provvisti tradizzjonal, l-awtoritajiet jistgħu jiksbu aċċess relativament faċċi għall-kampjuni tal-prodotti mill-katina tad-distribuzzjoni. Dan mħuwiex il-każ għall-prodotti online. Jekk stokk ta' prodott ikun disponibbli fl-Istat Membru partikolari, il-kampjunar jista' jkun semplice. Madankollu, jekk l-istokk tal-prodott ikun disponibbli biss fi Stat Membru ieħor, jinħtieġ li tintuża kooperazzjoni transfruntiera sabiex jiġi riċevuti l-kampjuni għall-ittejt jew inkella jinħtieġ li jintla ħaq qbil li t-testijiet jitwettqu fejn ikunu l-prodotti. Jeħtieġ ukoll li l-awtoritajiet jixtru l-kampjuni tal-prodotti online u, għal dan il-għan, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri jistgħu jagħmlu "xiri bil-moħbi" minħabba l-vantaggħ investigattiv tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jiksbu l-kampjuni b'mod anonimu, bħalma jagħmel klijent normali (⁹⁵).

Differenza ewlenja oħra bejn l-investigazzjonijiet online u l-investigazzjonijiet fil-ktajjen tal-provvisti tradizzjonal tirri-gwardja l-isfidi sabiex jinstabu l-operaturi ekonomiċi responsabbi bil-għan li tintalab aktar informazzjoni mingħandhom, jieħdu kampjuni tal-prodotti u jwettqu aktar azzjonijiet ta' sorveljanza tas-suq. Jekk l-informazzjoni ma tkunx faċiement disponibbli, l-aktar parti diffiċċi tal-investigazzjonijiet online tista' tkun sabiex jinstabu l-operaturi ekonomiċi li joffru prodotti għall-bejgħ online. Għalhekk, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jinħtieġ li jużaw l-għodod disponibbli biex jitolbu d-data meħtieġa bil-għan li jidentifikaw l-operaturi ekonomiċi mis-sorsi ta' informazzjoni rilevanti, inklużi l-fornituri tas-servizz tal-Internet, ir-reġistri tal-ismijiet ta' dominju (⁹⁶), il-fornituri tas-servizz ta' ħlas, l-intermedjarji (pereż, pjattaformi), il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni.

Meta jipprovaw jiksbu data dwar operatur ekonomiku partikolari, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu fkunsiderazzjoni r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali (ara d-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data (⁹⁷) u, mill-25 ta' Mejju 2018, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (⁹⁸) u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika (⁹⁹)). L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli, b'hekk, huwa rrakkommandat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tagħhom responsabbi mis-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data jivverifikaw dawn il-proċessi (⁹⁰).

(⁹³) Prattika tal-Istati Membri: Il-Każ 3 u l-Każ 4 ta' "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online" - <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native> u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8724/attachments/1/translations/en/renditions/native>.

(⁹⁴) [http://ec.europa.eu/consumers/consumer\\_rights/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/consumers/consumer_rights/index_en.htm)

(⁹⁵) Prattika tal-Istati Membri: Il-Każ 11 ta' "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online" - <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native> u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8724/attachments/1/translations/en/renditions/native>.

(⁹⁶) Lista tar-Reġistri tal-Ismjiet ta' Dominju tista' tinstab fuq <http://www.iana.org/domains/root/db>

(⁹⁷) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(⁹⁸) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiziċċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(⁹⁹) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar il-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (id-Direttiva dwar il-Privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

(¹⁰) Għandu jiġi nnotat li dan id-dokument ma għandux l-għan li jindirizza r-rekwiżiti rilevanti kollha tal-protezzjoni tad-data skont il-liġi tal-UE b'mod eżawrenti.

Fl-aħħar nett, matul l-investigazzjonijiet online, jista' jkun meħtieġ li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jiġbru l-evidenza rilevanti dwar prodotti perikolużi u mhux konformi. Il-metodi ta' ġbir tal-evidenza jinħtieġ li jieħdu f'kunsiderazzjoni li l-informazzjoni online tista' tinbidel istantanjam u titneħħa minn fuq l-Internet. Hemm diversi għodod tekniċi disponibbli li jistgħu jiżguraw li l-evidenza marbuta mal-investigazzjonijiet online tiġi rreġistrata u maħżuna kif xiera q u tkun tista' tintuża fi kwalunkwe proċedimenti li jistgħu jsiru wara.

## 5. Azzjonijiet korrettivi marbuta mal-prodotti mibjugħa online

L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet korrettivi kontra l-prodotti perikolużi u mhux konformi mibjugħa online. F'sitwazzjonijiet transkonfinali, dan jista' jirrikjedi kooperazzjoni minn awtoritajiet oħrajn minbarra l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

### 5.1. Azzjonijiet korrettivi li jiddependu fuq il-post fejn jinsab l-operatur ekonomiku

Is-setgħat ta' infurzar tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali huma limitati għall-ġurisdizzjoni tagħhom. Għalhekk, il-possibbiltajiet għal u l-effettività tal-azzjoni korrettiva meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali jvarjaw skont fejn ikun jinsab l-operatur ekonomiku. Din it-taqṣma tiddeskrivi x'azzjonijiet jistgħu jieħdu l-awtoritajiet tal-Istati Membri, skont il-post fejn ikun jinsab l-operatur ekonomiku identifikat li jipprovdji prodotti perikolużi u mhux konformi u kif jistgħu jikkoperaw l-awtoritajiet.

#### 5.1.1. Jekk l-operatur ekonomiku jkun jinsab fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità

Jekk l-operatur ekonomiku jkun jinsab fil-ġurisdizzjoni tal-awtorità, l-awtorità tista' tieħu azzjonijiet fuq il-bażi tal-kompetenza tagħha. Wara li tidentifika l-operatur ekonomiku, l-awtorità tista' titlob kwalunkwe dokumentazzjoni mingħandu li tista' turi konformità (pereżempju, Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-UE, id-dokumentazzjoni teknika rilevanti, rapporti dwar it-testijiet, eċċ.) u tieħu l-azzjonijiet korrettivi meħtieġa (<sup>101</sup>).

#### 5.1.2. Jekk l-operatur ekonomiku jkun jinsab fl-UE, iżda barra mill-ġurisdizzjoni tal-awtorità

Jekk is-sorveljanza online turi li qeqħdin jiġu offruti prodotti perikolużi u mhux konformi għall-bejgħ minn bejjiegħ online li jinsab fl-UE, iżda barra mill-ġurisdizzjoni tal-awtorità tal-investigazzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom l-ewwel jikkuntattjaw lill-operaturi ekonomiċi rilevanti direttament biex jiksbu l-informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni jew jitkolbu li tittieħed azzjoni korrettiva wara sejba ta' nuqqas ta' konformità (<sup>102</sup>).

Jekk l-operatur ekonomiku ma jikkoperax, l-awtorità nazzjonali hija rrakkomandata li tagħmel użu mill-kooperazzjoni transfruntiera kif ġej (<sup>103</sup>):

- jekk l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-pajjiż A tkun teħtieġ informazzjoni sabiex tikkompleta l-evalwazzjoni tal-konformità mingħand l-operaturi ekonomiċi fil-pajjiż B u l-operatur ekonomiku ma jweġibx għat-talba għad-dokumentazzjoni, imbagħad l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-pajjiż A tista' titlob l-assistenza tal-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-pajjiż B (<sup>104</sup>);
- jekk l-operatur ekonomiku ma jiħux azzjoni korrettiva volontarjament, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-pajjiż A (<sup>105</sup>) (i) tieħu miżuri obbligatorji fir-rigward tal-prodotti magħmulu disponibbli online fil-ġurisdizzjoni ta' dik l-awtorità partikolari, irrispettivament mill-operatur ekonomiku li jkun jinsab fil-pajjiż B (<sup>106</sup>) u (ii) tinnotifika l-miżuri kif xiera q permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) pan-Ewropea (<sup>107</sup>) Sistema ta' Twissija Bikrija għal prodotti mhux tal-ikel perikolużi (RAPEX). L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri l-oħrajn se jkunu mistennija li jieħdu miżuri ta' segwit, jinnotifikawhom għall-fin tar-RAPEX u/jew tal-proċedura tad-dispożizzjoni ta' salvagħwardja u, spċċifikament, l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq tal-pajjiż B tkun mistennija tikkuntattja lill-manifattur/importatur tal-UE u titkolu jieħu azzjoni korrettiva fir-rigward tal-prodotti rilevanti kollha (<sup>108</sup>).

<sup>(101)</sup> L-Artikoli 19(1) u 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(102)</sup> L-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jistabbilixxi li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jikkoperaw mal-operaturi ekonomiċi rigward azzjonijiet li jnaqqsu r-riskji kkawżati mill-prodotti magħmulu disponibbli minn dawk l-operaturi. Il-leġiżlazzjoni settorjali allinjata mal-Artikolu mudell R2(8), R4(7) u R5(4) tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tħalli obbligu ġenerali għall-operaturi ekonomiċi rilevanti sabiex jieħdu miżuri korrettivi bil-għan li jgħib l-prodotti f'konformità meta jikkunsidraw jew ikollhom raġunijiet biex jemmnu li prodott muħwiex f'konformità mal-leġiżlazzjoni ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni applikabbli. Barra minn hekk, skont il-leġiżlazzjoni settorjali allinjata mal-Artikolu mudell R31 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, l-operatur ekonomiku għandu jaġiġura li tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fir-rigward tal-prodotti kollha kkonċernati li huwa għamel disponibbli fis-suq madwar l-UE kollha.

<sup>(103)</sup> <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/17108/attachments/1/translations/en/renditions/native>

<sup>(104)</sup> Il-bażi legali għal din ix-xorta ta' assistenza reċiproka hija stabbilita fl-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(105)</sup> L-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008; leġiżlazzjoni settorjali allinjata mal-mudell tal-Artikolu R31(4) tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE.

<sup>(106)</sup> Dan huwa mingħajr preġġiduzzu għall-possibbiltà li hija tadotta b'mod parallel miżuri vis-à-vis id-distributuri bbażati f'pajjiżha stess sabiex tippermettilhom jindirizzaw lin-negozji li jinsabu fiżi kament fit-territorju tagħhom.

<sup>(107)</sup> <https://webgate.ec.europa.eu/icsms/>.

<sup>(108)</sup> Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti u l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u skont il-Proċedura ta' Salvagħwardja tal-Unjoni fil-ġeżiżzjoni settorjali jew id-dispożizzjoni allinjati mal-Artikolu mudell R31(6) u (8) tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE.

Il-Kummissjoni tiffaċilita din il-kooperazzjoni billi tipprovdi lista ta' kuntatt tal-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti f'każ li tkun meħtieġa kollaborazzjoni transfruntiera<sup>(109)</sup>.

### 5.1.3. Jekk l-operatur ekonomiku jkun jinsab barra mill-UE

Jekk operatur ekonomiku jkun jinsab barra mill-UE, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom ġerti possibbiltajiet biex jinfurzaw azzjonijiet kontrihom. Dawn l-operaturi ekonomiċi jinħtieġ li jkunu konxji li l-prodotti offruti għall-bejgħ online lil klijenti tal-UE għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-UE. Huma jinħtieġ li jiġi informati wkoll dwar l-obbligli tagħhom u jinħtieġ li jittalbu jirrimedjaw kull każ ta' nuqqas ta' konformità. L-Istati Membri jistgħu jimblok-kaw il-paġni web li joffru prodotti perikolużi jew mhux konformi, jekk ikun meħtieġ. B'mod partikolari, il-punti (d) u (e) tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva dwar is-Sigurtà Ġenerali tal-Prodotti jippermettu lill-Istati Membri jieħdu miżuri spċifici għal dan il-għan. Bl-istess mod, wara l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirtarraw, jipprobixxu jew jirrestrinġu l-prodotti milli jiġi magħmula disponibbli fis-suq.

Il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet f'ġurisdizzjonijiet oħrajn tista' tipprovdi l-għoddod sabiex jiġi indirizzati każżejjiet bħal dawn. Għalhekk, l-Istati Membri huma mħeġġa jsegu kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi. L-Istati Membri huma mħeġġa jinformataw lill-Kummissjoni dwar tali attivitajiet ta' kooperazzjoni. Dan huwa importanti, b'mod partikolari għal kwistjonijiet li jistgħu jeħtieġ approċċi ikkoordinat fil-livell tal-UE, sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fuq l-investigazzjonijiet marbuta mas-sigurtà u l-konformità tal-prodotti offruti għall-bejgħ online lil konsumaturi jew utenti finali oħrajn fl-UE. L-Istati Membri jinħtieġ li jindikaw fin-notifikasi ta' prodotti perikolużi trażmessi permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija jekk il-prodott inbiegħx online minn pajjiżi terz u mil-liema ħanut online jew pjattaforma online.

Diġà jeżisti qafas spċificu ta' kooperazzjoni internazzjonali għas-sigurtà tal-prodotti fil-forma tas-sistema RAPEX-Ċina stabbilita bejn is-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Amministrazzjoni Ġenerali Ċiniżha tas-Superviżjoni tal-Kwalità, l-Ispezzjoni u l-Kwarantina (Administration of Quality Supervision, Inspection and Quarantine, AQSIQ)<sup>(110)</sup>.

Jekk il-prodotti offruti għall-bejgħ online jidħlu fl-UE minn pajjiżi terzi, jinħtieġ li tiġi mfittxija wkoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet doganali biex jiġi kkontrollati u mwaqqfa l-vjeġġi tal-prodotti fil-fruntiera<sup>(111)</sup><sup>(112)</sup>. Dan huwa kruċjali meta vjeġġi jasal direttament minn barra l-UE għal klijent tal-UE u meta ma jkun hemm ebda operatur ekonomiku preżenti fl-UE.

### 5.2. Azzjonijiet korrettivi spċifici għall-prodotti mibjugħha online

Jekk il-prodotti jiġi offruti għall-bejgħ online, il-liġi nazzjonali tista' fxi każżejjiet tippermetti lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jitkolbu li jittieħdu azzjonijiet korrettivi spċifici mill-fornituri tas-servizzi intermedjarji online (pereżempju, fornituri ta' servizzi ta' hosting, bħal pjattaformi online) sabiex inelħu jew jiddiżżattivaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar prodotti mhux konformi u mhux siguri mis-sit web tagħhom. Dan jinkludi każżejjiet fejn il-bejjiegħha jkunu jinsabu barra mill-UE. Din hija msejħa l-proċedura "avviż u azzjoni"<sup>(113)</sup>.

Għalkemm id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku ma tistabbilixx din il-proċedura bħala tali, hija tista' titqies bħala li qed isservi bħala l-bażi tagħha, safejn huma kkonċernati l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenifika mill-eżenzjoni mir-responsabbilità stabbilita fl-Artikolu 14(1) ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-gharfiex u l-konoxxenza u t-tnejħħija jew id-diżżattivazzjoni sussegħenti tal-aċċess għall-informazzjoni. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jiġi fdati

<sup>(109)</sup> <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/12802/attachments/1/translations/en/renditions/native>,  
<http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/12803/attachments/1/translations/en/renditions/native>,  
[http://ec.europa.eu/consumers/consumers\\_safety/safety\\_products/rapex/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/consumers/consumers_safety/safety_products/rapex/index_en.htm)

<sup>(110)</sup> RAPEX-Ċina tiffaċilita t-trażmissjoni rapida u regolari tad-data bejn l-UE u l-amministrazzjoni Ċiniżha tas-sigurtà tal-prodotti dwar prodotti għall-konsumatur mhux maħsuba għall-ikel u perikolużi. Il-Kummissjoni tipprovdi lill-awtoritajiet Ċiniżi b'informazzjoni dwar prodotti għall-konsumatur perikolużi li jorġinaw miċ-Ċina li kienu nnotifikati mill-Istati Membri permezz tas-sistema ta' Twissija Bikrija għal prodotti perikolużi mhux maħsuba għall-ikel (RAPEX). L-awtoritajiet Ċiniżi jinvestigaw dawn in-notifikasi u, meta pos-sibbi, jadottaw miżuri kontra dawn il-prodotti, li jistgħu jipprevven jew jirrestrinġu l-esportazzjoni ulterjuri ta' dawk il-prodotti lejn l-UE.

<sup>(111)</sup> L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

<sup>(112)</sup> Aktar informazzjoni dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali tista' tinstab fl-Avviż tal-Kummissjoni C(2016)1958 final, fil-“Gwida Blu” dwar l-implementazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-prodotti 2016 u fil-Linji Gwida għall-kontrolli fuq l-importazzjoni fil-qasam tal-konformità u s-sigurtà tal-prodotti, tinsab fuq [http://ec.europa.eu/taxation\\_customs/resources/documents/common/publications/info\\_docs/customs/product\\_safety/guidelines\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/common/publications/info_docs/customs/product_safety/guidelines_en.pdf)

<sup>(113)</sup> Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar ‘Il-Pjattaformi Online u s-Suq Uniku Digideli - Opportunitajiet u Sfidi għall-Ewropa’ tal-25.5.2016, COM(2016)288, tinsab fuq <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52016DC0288>

b'setgħat u riżorsi sabiex jużaw dawn il-proċeduri ta' "avviż u azzjoni" direttament jew inkella jistabbilixxu kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom kompetenti għall-implementazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku (<sup>(14)</sup>).

Safejn l-intermedjarju jkun jixtieq jibbenifika mill-eżenzjoni mir-responsabbiltà tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku, l-intermedjarju online kkōncernat huwa obbligat li jaġixxi mingħajr dewmien biex ineħħi jew jiddiżGattiva l-aċċess għall-informazzjoni illegali wara li jkun ġie nnotifikat, pereżempju fir-rigward ta' prodott mhux konformi jew mhux sigur (<sup>(15)</sup>). Għal dawn il-finijiet, l-awtoritajiet li jissottomettu notifika ser ikollhom bżonn jipprovdū bżżejjed informazzjoni sabiex il-fornituri tas-servizzi intermedjarji jkunu jistgħu jidher kaw minnha b'għadha.

Barra minn hekk, filwaqt li l-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku jipprob bixxi l-impożizzjoni ta' obbligu ġenerali għall-monitoraġġ jew għall-involviment b'mod attiv fit-tifx tal-fatti, dan l-Artikolu jistabbilixxi li l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu obbligi għall-intermedjarji sabiex jinformat minnufiha lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-allegati attivitajiet illegali mwettqa jew l-informazzjoni pprovduta minn dawk li jircieu s-servizz tagħhom. L-intermedjarji jistgħu jkunu obbligati wkoll li jgħaddu informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti, b'talba tagħhom stess, li tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' dawk li jircieu s-servizz tagħhom li magħħom ikollhom ftehimiet għaż-żamma.

Sabiex l-intermedjarji jiġu meghħjuna jirreaġixxu b'mod effettiv u jneħħu informazzjoni dwar l-offerta għall-bejgħ ta' prodotti mhux konformi u mhux siguri minn fuq is-sit web tagħhom, huwa rakkmandabbi li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistabbilixxu kuntati mill-qrib li jippermettu reazzjoni rapida mal-intermedjarji ewlenin li jipprovdū servizzi ta' hosting għall-prodotti mibjugħha online.

Minbarra l-proċedura ta' "avviż u azzjoni" li tista' tipprevedi l-liġi nazzjonali, xi awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-UE jistgħu wkoll jimblokkaw u jiddiżAttawaw ċerti siti web, abbażi tal-oqfsa legali nazzjonali rispettivi tagħhom.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-karatteristiċi specjalji tal-ġestjoni tas-sigurtà tal-prodotti fil-kummerċ elettroniku, jinħtieġ li jiġi nnotat li x-xiri online għandu l-vantaġġ li jidher kaw minnha. Dan ifisser li l-klienti jkunu jistgħu jintlaħqu b'mod aktar effettiv mill-operaturi ekonomiċi rilevanti jekk tkun meħtieġ azzjoni korrettiva, bħal sejħa lura ta' prodott mis-suq (<sup>(16)</sup>).

#### PARTI C — SENSIBILIZZAZZJONI FOST IL-KONSUMATURI U N-NEGOZJI DWAR IS-SIGURTÀ U L-KONFORMITÀ TAL-PRODOTTI MIBJUGĦA ONLINE

Din il-parti tipprovdī l-aħjar prattiha għall-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi u tan-negozji dwar l-isfidi maħluqa mill-prodotti perikolużi u mhux konformi mibjugħha online.

##### 1. Sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi

Mod wieħed ta' kif jiġi evitat li l-konsumaturi jkunu esposti għal riskji għas-saħħa, għas-sigurtà u riskji oħrajn mill-prodotti mixtrija online huwa permezz tas-sensibilizzazzjoni tagħhom dwar l-isfidi marbuta max-xiri online u billi jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjoniż informati sewwa.

L-awtoritajiet huma rrakkmandati li jteb l-protezzjoni tal-konsumaturi billi jikkomplementaw l-attivitajiet ta' infurzar u sorveljanza tagħhom b'attivitajiet ta' komunikazzjoni indirizzati lill-konsumaturi.

L-awtoritajiet jistgħu jiżviluppaw is-sett ta' għodod għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni tagħhom għall-konsumaturi fuq il-bażi tal-premessa li, b'mod ġenerali, il-konsumaturi jistennew li l-prodotti li jixtru online jkunu siguri u konformi mar-regoli rilevanti. Il-konsumaturi ma jarawx immeddatament ir-riskji possibbli involuti fix-xiri online (<sup>(17)</sup>).

Dan il-kapitolu jipprova jindirizza żewġ aspetti li huma rilevanti għas-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi: x'inhu utli li jkunu jafu l-konsumaturi u kif jistgħu l-awtoritajiet tal-Istati Membri jinformat minnha lill-konsumaturi. Dawn is-suġġerimenti jistgħu jintużaw fil-kampanji ta' informazzjoni possibbli għall-konsumaturi.

<sup>(14)</sup> Aktar dettalji rigward dawn l-obbligli huma stabbiliti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Is-servizzi online, inkluż il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Uniku", p. 30, [http://ec.europa.eu/internal\\_market/e-commerce/docs/communication2012/SEC2011\\_1641\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/internal_market/e-commerce/docs/communication2012/SEC2011_1641_en.pdf)

<sup>(15)</sup> "In-notifikasi ta' attivitajiet allegatament illegali jistgħu jirriżultaw li mhumiex preċiżi biżżejjed [iżda] dawn in-notifikasi jirrappreżentaw fattur li għandu jiġi kkunsidrat mill-qorti nazzjonali meta tiġi biex tiddetermina, fid-dawl tal-informazzjoni trażmessha lill-operatur, dan tal-aħħar fil-fatt kienx konxju tal-fatti jew taċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom operatur ekonomiku diliġenti kellu jidher kaw minnha b'illegalt" – il-Kawża C-324/09 L'Oréal SA u Oħrajn vs eBay International AG u Oħrajn, il-paragrafu 122.

<sup>(16)</sup> Ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni.

<sup>(17)</sup> Ara, pereżempju: Il-perspettiva tal-konsumaturi rigward is-sigurtà tal-prodotti għax-xiri online, NVWA 2016, irrapportata fl-OECD (2016), "Online Product Safety: Trends and Challenges", Digital Economy Papers tal-OECD, Nru. 261, OECD Publishing, Pariċi. DOI: <http://dx.doi.org/10.1787/5jlnb5q93jt-en>

### 1.1. X'inhu utli li jkunu jafu l-konsumaturi?

Minn perspettiva ta' konformità u sigurtà tal-prodotti, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jieħdu azzjonijiet biex jiżguraw li l-konsumaturi jkunu mill-inqas informati dwar l-aspetti essenzjali li ġejjin fir-rigward tal-bejgħ online ta' prodotti għall-konsumaturi:

- il-prodotti għall-konsumaturi (offruti kemm online kif ukoll fi ħwienet tradizzjonal) huma soġġetti għal firxa wies-għa ta' rekwiżiti legali li għandhom l-għan li jiżguraw li l-prodotti ma jippreżentaw ebda riskju ta' saħħa, sikurezza jew oħrajn għall-konsumaturi;
- meta jixtru online, il-konsumaturi jinħtieġ li jiġu mħeġġa jiċċekkjaw jekk l-informazzjoni meħtieġa fuq il-prodott hijiex qiegħda hemmhekk, pereżempju, twissijiet u informazzjoni dwar it-traċċabilità (bħall-indirizz u informazzjoni ta' kuntatt tal-manifattur, kif ukoll, fejn applikabbli, tal-importatur)<sup>(118)</sup>;
- l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri tal-UE huma responsabbi, fil-mandat tagħhom għall-monito-raqgħ tas-suq, li jiżguraw li l-prodotti offruti għall-bejgħ ikunu siguri u konformi mar-rekwiżiti applikabbli;
- sabiex jimminimizzaw ir-riskji tax-xiri ta' prodotti mhux siguri online, il-konsumaturi jistgħu:
  - jivverifikaw jekk il-prodott li jridu jixtru kienx soġġett għal miżuri restrittivi bħal sejħa lura, pereżempju, fuq is-sit web ta' RAPEX<sup>(119)</sup>, fuq il-portal dwar is-sejħiet lura ta' prodotti mis-suq tal-Organizzazzjoni għall-Koope-razzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)<sup>(120)</sup> jew kwalunkwe listi nazzjonali ta' sejħiet lura ta' prodott mis-suq;
  - jiċċekkjaw darbejnej l-informazzjoni pprovdu mill-bejjiegħ online mal-informazzjoni pprovdu fuq is-sit web tal-manifattur<sup>(121)</sup>;
  - jikkuntattjaw lill-bejjiegħ jew lis-sit web biex jipprovaw isiru jafu jekk il-prodott huwiex konformi mar-rekwiżiti rilevanti tal-UE;
- il-konsumaturi jinħtieġ li jiġu informati dwar l-għodod possibbli li jistgħu jintużaw sabiex huma jissottomettu l-ilmenti tagħhom u biex jirrapportaw problemi ta' sigurtà jew kwistjonijiet oħrajn ta' nuqqas ta' konformità mal-prodotti mixtrija online lill-awtoritajiet. Huma jinħtieġ li jiġu informati wkoll dwar id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi meta l-prodott jissejjaħ lura.

Tista' tiġi pprovduta aktar informazzjoni dettaljata speċifika għas-settur għal kategoriji ta' prodotti fejn riskji, aċċidenti u korrimenti serji huma aktar suxxettibbi li jseħħu<sup>(122)</sup>.

### 1.2. L-Istati Membri kif għandhom jinformataw lill-konsumaturi dwar l-aspetti ta' sigurtà tal-prodotti li jridu jiġu kkunsidrati meta jixtru online?

Din it-taqṣima tiddeskrivi l-għodda ta' informazzjoni speċifika għall-konsumaturi u l-aħjar prattiki li digħi qeqħdin jintużaw minn diversi Stati Membri sabiex jipprovdu lill-konsumaturi b'informazzjoni relatata mas-sigurtà tal-prodotti online.

#### 1.2.1. Siti web tal-awtoritajiet

Is-siti web tal-awtoritajiet jistgħu jipprovdu informazzjoni konċiża u aġġornata dwar il-ligħiġiet tas-sigurtà tal-prodotti, id-drittijiet tal-konsumaturi u d-drittijiet u l-obblighi tal-atturi ekonomiċi. Dawk is-siti web jistgħu jagħtu spazju ċar fejn il-konsumaturi jistgħu jintroduċu ilmenti dwar is-sigurtà u/jew in-nuqqas ta' konformità marbuta mal-prodott mibjugħi online.

<sup>(118)</sup> Ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-gwida tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni/applikazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE dwar prattiċi kummerċjali żleali tal-25 ta' Mejju 2016, SWD(2016) 163 final, tinsab fuq [http://ec.europa.eu/justice/consumer-marketing/files/ucp\\_guidance\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/justice/consumer-marketing/files/ucp_guidance_mt.pdf), b'mod partikolari l-paġna 75 dwar twissijiet tas-sigurtà li jikkonċernaw prodott partikolari. Ara wkoll, pereżempju, l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

<sup>(119)</sup> [http://ec.europa.eu/consumers/consumers\\_safety/safety\\_products/rapex/alerts/main/index.cfm?event=main.search](http://ec.europa.eu/consumers/consumers_safety/safety_products/rapex/alerts/main/index.cfm?event=main.search)

<sup>(120)</sup> <http://globalrecalls.oecd.org/>

<sup>(121)</sup> Il-bejjiegħha online u l-manifatturi mhux dejjem ikunu l-istess entitajiet. Il-bejjiegħha online jistgħu jixtru oġġetti mingħand il-manifattur u jbiegħuhom fuq is-sit web iddedikat (jew permezz ta' intermedjarju/fornitur ta' servizzi ta' hosting). Madankollu, huwa possibbli wkoll li l-manifattur li jipproduċi l-prodott ibiegħ l-istess prodott huwa stess fuq il-ħanut online ddedikat tiegħi.

<sup>(122)</sup> Ara, pereżempju: <http://www.electricalsafetyfirst.org.uk/mediafile/100129855/Buying-Electrical-Goods-Online-A5-Leaflet-2014.pdf>

### 1.2.2. L-użu tal-midja u ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni

L-awtoritatiet jistgħu jagħmlu użu mill-midja u mill-Internet sabiex jippromwovu messaġġi ewlenin lill-konsumaturi. Il-midja użati sabiex jitwasslu l-messaġġi lil udjenza fil-mira wiesgħa jistgħu jinkludu programmi televiziivi stabbiliti sewwa, siti web speċjalizzati u l-midja stampata, inklużi rivisti tal-konsumaturi.

Ħafna drabi, hekk kif problemi relatati mas-sigurtà tal-prodotti jaslu fl-aħbarijiet ewlenin, l-awtoritajiet jiġu kkuntattjati mill-istampa sabiex jagħtu kummenti u intervisti. Dan jista' jipprova opportunità sabiex l-awtoritajiet jenfasizzaw kwist-jonijiet ewlenin mal-konsumaturi dwar ix-xiri ta' prodotti online (123).

L-awtoritajiet huma mhiegħġa wkoll jistabbilixxu kampanji ta' sensibilizzazzjoni, inkluż fuq il-midja soċċali, li jiffokaw fuq is-sigurta u l-konformità tal-prodotti mibjugħa online. L-awtoritajiet jistgħu jinkludu informazzjoni dwar l-aspetti li jridu jittieħdu f'kunsiderazzjoni għax-xiri online sikur.

### 1.2.3. Sistemi ta' ilmenti tal-konsumaturi

Is-sistemi ta' ilmenti tal-konsumaturi huma importanti għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq minħabba li jenfasizzaw il-prodotti perikolużi u mhux konformi, kif ukoll it-tħassib u l-hiġġijiet tal-konsumaturi (124). L-ilmenti huma sors tajeb ta' informazzjoni għall-ippjanar tal-aktivitajiet ta' sorveljanza u informazzjoni għall-konsumatur. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jipprovd informazzjoni ċara lill-konsumaturi dwar a) meta għandu jsir ilment, b) kif għandu jsir ilment u c) liema awtorità hija responsabbli biex tittratta l-ilment.

L-Istati Membri jistgħu jiżgħiġ li s-sistemi ta' ilmenti tal-konsumaturi jkunu disponibbli online għall-prodotti perikolużi u mhux konformi mibjugħha online, billi jieħdu fkunsiderazzjoni r-Rakkommandazzjoni tal-Kummissjoni għall-użu ta' metodoloġija armonizzata għall-klassifikazzjoni u r-rapportar tal-ilmenti u l-misteqsijiet mill-konsumaturi tal-UE (125).

## 2. Sensibilizzazzjoni tan-negozi

Għalkemm hija r-responsabbiltà tal-operaturi ekonomiċi li jikkonformaw mar-regoli tal-UE, is-sensibilizzazzjoni tan-negożi dwar ir-rekwiżiti li jehtieq li jiġi żgurat li l-konsumaturi jakkwistaw prodotti siguri u konformi. Id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar ir-regoli applikabbi ġeneralment tikkontribwixxi għall-preżenza ta' prodotti aktar siguri fis-suq, minħabba li tinfluwenza u ttejeb l-imġiba tal-konformità tal-operatur ekonomiku. Profil konformi joffri ħafna vantaġġi għall-operaturi ekonomiċi; huwa jikkontribwixxi għall-użu tar-riżorsi tagħhom b'mod effiċjenti, għall-iffrankar tal-ispejjeż relatati ma' miżuri korrettivi u għall-evitar tat-telf tar-reputazzjoni.

Is-sensibilizzazzjoni tan-negozji ġeneralment tibda billi dawn jingħataw aċċess faċċi għal informazzjoni bażika dwar ir-rekwiżiжи applikabbli u dwar kif għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiжи. Fl-interessi tal-effiċċenza, tista' tiġi pprovduta informazzjoni dwar setturi jew proddotti speċifiċi. F'dan ir-rigward, kampanji ta' informazzjoni klassiċi, seminars relatati mal-konformità u s-sigurtà, eċċ. jistgħu jiġu adatti għall-ambjent online<sup>(126)</sup>.

Mod ieħor ta' kif jintlaħqu n-negozji huwa permezz ta' linji gwida speċifiċi indirizzati lilhom. Tali linji gwida jistgħu jenfasizzaw l-informazzjoni utli kollha dwar kif għandhom jinbiegħu prodotti siguri u konformi online f'żona specifica, liema huma r-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati u x'tip ta' responsabbiltà jgħorr l-operatur online. Dan jista' jenfasizza wkoll il-penali u s-sanzjonijiet li jistgħo iiffacċċiaw l-operaturi online f'każ li iż-żgħix l-leġiżlazzjoni applikabbli (127).

<sup>(123)</sup> Prattiki tal-Istati Membri dwar l-użu tal-midja biex jinformataw lill-konsumaturi, deskritti fl-Istudju tal-każ nru 12 ta' "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online" <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native> u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8724/attachments/1/translations/en/renditions/native>

<sup>(124)</sup> Praktika tal-Istati Membri: Każd 9 ta "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online" - <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native> u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8724/attachments/1/translations/en/renditions/native>

<sup>(125)</sup> C(2010)3021 [http://ec.europa.eu/consumers/archive/strategy/docs/consumer-complaint-recommendation\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/consumers/archive/strategy/docs/consumer-complaint-recommendation_mt.pdf)

<sup>(126)</sup> Praktika tal-Istati Membri: Każ 16 ta' "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online" - <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native>  
 u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8724/attachments/1/translations/en/renditions/native>

<sup>(127)</sup> Praktika: Każ 17 ta "Study on Good Practice in Market Surveillance Activities related to Non-Food Consumer Products sold Online"-  
<http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8723/attachments/1/translations/en/renditions/native> u <http://ec.europa.eu/DocsRoom/documents/8724/attachments/1/translations/en/renditions/native>.

Billi l-prodotti għall-konsumaturi disponibbli fis-suq tal-UE ġejjin ukoll minn barra l-UE, huwa importanti li jintlaħqu n-negozi li joperaw minn barra, pereż. ħwienet online li jinsabu barra mill-UE. Miżura waħda tista' tkun li jiġi żgurat li l-informazzjoni żviluppata għan-negozji tal-UE tkun aċċessibbli u promossa għal dawk in-negozji li jinsabu barra l-UE, pereżempju, ffieri kummerċjali, kif ukoll għall-kmamar tal-kummerċ rilevant, għaċ-ċentri ta' informazzjoni u promozzjoni tal-kummerċ u għall-awtoritajiet lokali, li jistgħu jinformati lill-operaturi ekonomiċi f'pajjiżi terzi.

Il-kooperazzjoni ma' pjattaformi online tista' tkun utli għad-distribuzzjoni/għat-twassil tal-informazzjoni rilevanti lin-negozji li joffru prodotti għall-konsumaturi fuq il-pjattaforma tagħhom lill-konsumaturi tal-UE.

Barra minn hekk, jistgħu jingħataw seminars organizzati jew ikkoordinati b'mod ideali fil-livell tal-UE f'pajjiżi msieħba ewlenin b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali sabiex jiġi żgurat aħjar li l-informazzjoni tasal għand il-kumpaniji adatti. It-taħriġ speċifiku għall-importaturi jista' jkun ukoll utli.

---